L-GHID TA' L-ASSUNTA

IL-ĦAMSA U TLETIN SENA

25
50
SENA

MILL-INKURONAZZJONI MID-DOMMA TA' L-ASSUNTA

Moving in the right direction

COMPASS®

Group Limited

Sub-Agents for Middle Sea Insurance p.l.c
and Middle Sea Valletta Life Assurance Co. Ltd.

1 • St. George's Buildings
Karlu Galea Street
Victoria VCT [illegible] • Gozo
Tel: (356) [illegible] • Fax: (356) [illegible]
Email: [illegible]

www.gozoccentral.org.mt

L-GĦID TA' L-ASSUNTA

35(2000)

Stampat
għall-ewwel darba
Awwissu 1966

Pjazza tal-Katidral,
Ċittadella, Għawdex
VCT 103

Tel • 554101
Fax • 564572

Home-page:
http://www.gozocathedral.org

E-mail:
l-ghid_ta_l-assunta@gozocathedral.org

Editur
JOSEPH BEZZINA

Reklami
CHARLES BUGEJA

Ittajpjar
NANCY GRECH
FABIENNE GRECH

Proof Reading
REV. GEORGE MERCIECA

Setting
ERIC DE BONO

Ritratti tal-qoxra
MARQUIS ANTHONY CASSAR DE SAIN
ALVIN SCICLUNA - FRANCIS CREMONA

Stampata
J. DE BONO
PRINTING PRESS LTD.
TEL. 552219 • 0944 6795

© Copyright
L-ARTIKLI HUMA COPYRIGHT TA' L-AWTURI
U MA JISTGĦUX JIĠU RIPRODOTTI F'EBDA
MOD MINGĦAJR IL-PERMESS TA' L-AWTURI

IS-SENA ELFEJN - SENA TA' TIFKIRIET

Din is-sena, permezz tal-Ġublew il-Kbir, il-Knisja Kattolika fid-dinja qegħda tfakkar għeluq l-elfejn sena mit-twelid tal-fundatur tagħha Sidna Ġesù Kristu. Elfejn sena ilu, l-Imqaddsa Verġni Marija wildet lil binha Ġesù, imnissel bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, f'għar ġewwa Betlehem.

Din il-ħarġa (l-35 waħda) ta' L-GĦID TA' L-ASSUNTA tas-sena elfejn, l-aħħar waħda tas-seklu għoxrin u tat-tieni millennju, barra li tfakkar dan il-Ġublew, trid tfakkar ukoll erba' anniversarji oħra.

L-ewwelnett, din is-sena jaħbat għeluq il-ĦAMSIN sena mid-dikjarazzjoni tad-domma ta' l-Assunta. Kien nhar l-1 ta' Novembru, 1950, li l-Papa Piju XII iddikjara t-Tlugħ ta' Marija fis-Sema bħala domma tal-fidi nisranija.

It-tieni qegħdin infakkru wkoll għeluq il-ĦAMSA U GĦOXRIN sena mill-inkurunazzjoni tat-Titular tal-Knisja Katidrali mill-Kardinal Franjo Sepér nhar il-15 ta' Awwissu, 1975. Din seħħet b'awtorità tal-Papa Pawlu VI mogħtija bid-Digriet Pontifiċju *Qui Dignitatem*, maħruġ mis-Segreterija ta' l-Istat tal-Vatikan, nhar it-8 ta' Frar, 1975.

It-tielet, kien il-Papa Pawlu VI wkoll li lili, nhar id-29 ta' Ġunju ta' l-istess sena ordnani saċerdot. Għalaqt ĦAMSA U GĦOXRIN sena fis-servizz tal-Mulej.

Ir-raba', nhar it-3 ta' Settembru, 2000, il-Papa Ġwanni Pawlu II sejjer jiddikjara beatu lill-predeċessur tiegħu l-Papa Piju IX, il-Papa li għażel lill-Matriċi ta' l-Assunta bħala l-Katidral tad-Djoċesi ta' Għawdex nhar is-16 ta' Settembru, 1864.

B'tifkira tal-Ġublew u ta' l-ewwel żewġ anniversarji, aħna, il-membri tal-parroċċa tal-Katidral, sejrin inqiegħdu faxxa b'ittri tad-deheb f'riġlejn Santa Marija, b'xewqet u b'kelmiet il-Papa Ġwanni Pawlu II għat-tielet millennju, xewqa li hi tagħna lkoll, jiġifieri li nqimu 'l Santa Marija:

INT L-ANĠLU KUSTODJU TAT-TIELET MILLENNJU

joseph.bezzina@gozocathedral.org

www.gozocathedral.org.mt

ĦAMSA U GĦOXRIN SENA SAĊERDOT

Dun Joe Bezzina, wieħed mill-qassisin tal-presbiterju parrokkjali u kappillan tal-Kor tal-Katidral, din is-sena għalaq ĦAMSA U GĦOXRIN SENA qassis. Hu kien ordnat fi Pjazza San Pietru fil-Vatikan nhar id-29 ta' Ġunju, 1975, mill-Qdusija tiegħu il-Papa Pawlu VI.

Dun Joe ilu jagħti s-servizz tiegħu lill-Katidral għal tmienja u tletin sena. Beda fl-1 ta' Novembru, 1962, bħala mazzier tal-Kapitlu Katidrali (1962-68). Kompla jaqdi l-Katidral bħala seminarist (1968-74), u bħala djaknu (1974-75). Iddedika żewġt isjuf (1972 u 1973) biex jgħin lill-Professur Godfrey Wettinger fil-katalogar ta' l-Arkivju tal-Katidral.

Għamel l-ewwel quddiesa solenni fil-Katidral nhar id-9 ta' Awwissu, 1975. Wara l-istudju tiegħu barra minn Malta hu kompla jgħin fil-parroċċa tal-Katidral u ilu kappillan tal-Kor għal għoxrin sena. Mill-1996, hu l-editur ta' din ir-rivista L-GĦID TA' L-ASSUNTA.

Nifirħulu u nawgurawlu AD MULTOS ANNOS!

Mons. Joe Vella-Gauci, Arcipret

LIL DUN JOE BEZZINA
F'GHELUQ IL-25 SENA TAS-SAĊERDOZJU TIEGHU
IMFAKKAR B'QUDDIESA TA' RADD IL-ĦAJR FIL-KATIDRAL
5 TA' AWWISSU, 2000

Bħal xitla li bdiet twarrad
u tfewwaħ f'nofs il-ġnien,
bħal fjura li bdiet tlewwen
timpika ma' l-ilwien.

Bħalngħajġa f'merħla kbira
li tfittex bdiet l-imkien
fejn tista' tirgħa w titlob
u tfaħħar il-ħolqien.

Bħal naħla tar-Rebbiegħa
li ssoff inkiss inkiss
il-benna f'qiegħ il-fjuri
u tostru kif imiss.

Bħal tajra spiss tittajjar
fuq swar u torrijiet
u tiġbor frak l-imgħoddi
sa tonġru f'tifkiriet.

Bħal sħaba tiġri dejjem
fuq ibħra u xtajtiet
u tikber mar-rakkonti
bl-istorja u l-ġrajjiet.

Hekk inti bdejt it-trejqa
u dħalt bil-qajla 'l ġew,
sa sibt il-vjal ta' qalbek
sa sibt id-dawl tassew.

Hi trejqa mdallma, stramba
ta' ħafna tifkiriet,
ta' ferħ u nostalġiji
ta' skiet u tqanqiliet.

Hi triq ta' kwart ta' seklu
mixgħula b'nar divin,
b'sinjali juru r-rieda
il-qawwa tat-twemmin.

Hi triq li bdejtha ilu
u wriek missierek kien
ftit qabel għajnejh għalaq
għall-ħajja tal-qawmien.

Missierek mill-belt fl-għoli
rak tqaddes fuq l-artal
u bierkek minn ġos-sema
biex tgħożż dak ir-rigal.

U mxejtha l-moxa twila,
dlonk tlajtha bla mistrieħ,
sellimt, bqajt dejjem titrod
mad-danza ta' l-irjieħ.

Iltqajt mas-sliem, mal-hena
bil-ferħ ridt kieku ttir,
għamilt elf xewqa u ħsadtha
pinġejtha b'lewn in-nir.

Iltqajt ma' mrar il-ħajja
ħabbatt wiċċek mad-diq,
il-mewt ħasdet lil ommok,
ħassejt tnehid ta' Ifiq.

Ħassejt id-dinja taqa'
l-arloġġ idur ħajjien,
Staqsejt għaliex il-ħajja
staqsejt għaliex iż-żmien.

Arloġġ tiġrix wisq iżjed
sekondi ieqfu ftit,
isimgħu polz il-ħajja
ir-ritmu tat-taħbit.

Isimgħu din il-lejla
qed tħaxwex mal-ġrajjiet,
mas-swar u mal-gardjoli
mar-riħ tat-tifkiriet.

Isimgħu dal-ħoss t'Alla,
inkiss f'dan il-mistieħ,
in-nifs tal-Verġni Mbierka
f'dat-Tempju meqjum b'ġieħ.

Iftakar Mara sbejħa
x'għammillek dal-qaddej,
suldat fis-servizz tiegħek
fl-armata tal-Mulej.

Iftakar Omm il-ħajja
li tgħinu f'kull mument
ħa jkompli l-wegħda mqaddsa,
tfarraġlu kull ilment.

Itfagħlu bewsa rżina
li tixgħel f'żewġ kewkbiet.
Iftaħlu l-mant ta' ħdanek
kif jagħmlu l-ommijiet.

Mexxih fis-snin li baqa'
kun miegħu f'kull stazzjon,
fit-tren tal-ħajja hienja
urih id-direzzjon.

Seddaqlu l-qawwa tiegħek
agħtih barkiet ta' sliem,
sejjaħlu f'qagħdiet kiebja
f'kurrenti ta' bla lġiem.

Għax inti l-omm ħanina
mixegħla tal-ħolqien,
għax inti l-għajn tad-dinja
li timraħ fuq kull żmien.

Charles Bezzina
15 ta' Lulju, 2000.

www.gozocathedral.org.mt

THE SUNDAY TIMES

Bomb explodes at Gozo cathedral

by George Cini

Bomb scare at Mdina cathedral

Lejlet Santa Marija 1999, fis-5.53 a.m., jiġifieri fis-sitta neqsin seba' minuti ta' filgħodu, splodiet bomba mal-bieb ewlieni tal-Katidral.

Minn evidenza ċirkustanzjali jidher li din il-bomba tqiegħdet hemm bejn l-l-4.10 u l-4.40 ta' fil-għodu. Kellha mekkaniżmu biex tisplodi lejn is-sitta neqsin kwart, xħin tkun se tibda t-tieni quddiesa fil-Katidral, bl-intenzjoni ċara li toqtol lil xi ħadd ħalli b'hekk ikellha titħassar il-festa ta' Santa Marija.

Nhar Santa Marija, l-E.T. Monsinjur Nikol Ġ. Cauchi, għamel riferenza għall-inċident waqt il-pontifikal ta' Santa Marija u stqarr li b'dan l-inċident inkitbet "paġna sewda fl-istorja ta' Għawdex".

Att sagrilegu ta' din id-dimensjoni kontra knisja f'Għawdex aktarx li qatt ma sar. Hu diffiċli tażżarda taqta' x'kienet ir-raġuni wara din il-bomba, iżda mhux daqstant diffiċli taqta' x'kien l-effett mixtieq. Il-bomba tal-ħin kienet ippreparata tieħu f'ħin li l-Katidral kien ikun ġa ilu miftuħ siegħa u f'jum, lejlet il-festa titulari ta' Santa Marija, li kien ikun

Gozo Cathedral blast

Police still trying to establish motive

More arrests expected today

Natalino Fenech

■ Evitata traġedja ... ħadd ma weġġa'

hemm ħafna nies deħlin u ħerġin. Ma' l-isplużjoni, taru mill-bomba għadd ta' boltijiet u viti li nġabru minn iktar minn ħamsin metru 'l bogħod mill-post ta' fejn tqiegħdet. M'hemmx l-iċken dubju. Li ma kienx għall-prewkazjonijiet kbar li ħadu l-pulizija, meta għall-ħamsa ta' fil-għodu kienu infurmati bil-bomba, setgħu mietu n-nies.

Kif kiteb tajjeb ħafna ġurnal tal-għada: "Spettur u tliet pulizija għandhom għaliex jirringrazzjaw lil Santa Marija li ma spiċċawx maqtula waqt l-investigazzjonijiet li kienu qegħdin jagħmlu". Il-pulizija, immexxija mis-Supratendent Pawlu Sammut u l-Ispettur Antonello Grech flimkien mal-pulizija li kienu magħhom, ħaqqhom it-tifħir ta' kulħadd tal-prekawazjonijiet li ħadu immedjatament. Kien is-sogru u l-ħidma tagħhom li evitaw traġedja kbira lejlet Santa Marija. Ġurnal ieħor faħħar lid-"direzzjoni tal-Knisja Katidrali ta' Għawdex, kif ukoll lill-Kumitat tal-Banda Leone li jorganizzaw il-festi esterni ta' Santa Marija... għall-mod li bih immiminizza w dak li ġara u appellaw għall-kalma".

Fil-veru sens, kien miraklu ta' lejlet Santa Marija.

Gozo Cathedral blast

Bomba tisplodi mal-Katidral

PAGNA 4

create the correct impression with

J. de Bono Printing Press Ltd

For all your printing requirments!

Artwork, Photo Retouching, Colour Separations,
Printing of Brochures, books, business cards,
invoice books, flyers, stickers, menus, holy cards etc...

PHOTO RETOUCHING

BEFORE

AFTER

WE ARRANGE ALL KINDS OF PHOTOS, OLD, NEW, BLACK/WHITE & COLOUR.

OFFER

Make your separations for only

A5 for only Lm 5.50 · A4 for only Lm 8.50 · A3 for only Lm 13.50

offer valid till 30th September 2000 only when printing at us

1, ST. CORONATO STREET, NADUR. TEL / FAX: 552219 MOB: 0944 6795

L-ISTORJA TA'
BERNARDO DE OPUO
FIS-SAĠĠI TA' FRANÇOIS DE MONTAIGNE

Kitba ta' Victor J. Galea

Fil-ktieb *A Focus on Gozo*, maħruġ mill-Università ta' Malta fl-1996, f'paġna 150, ħdejn stampa ta' Bernardo de Opuo meħuda mill- ktieb ta' l-istorja ta' Malta ta' Dun Salv Laspina li konna ngħaddu l-Liceo fis-snin ta' wara l-gwerra ma stagħgibtx ftit meta qrajt li r-rakkont tal-qtil ta' familtu biex ma jaqgħux f'idejn it-Torok hu leġġendarju.

Id-dar ta' Bernardo

Dan ġagħilni ndur dawra ma' dwari ħa ngħarbel ftit ix-xhieda. Billi, kif kienet tgħid ommi, il-qamita l-ewwel li ddur għal dufrejha, tajjeb wieħed jibda bil-kitba fuq irħama li hemm fuq il-ħnejja tal-bieb ta' ħerba ta' dar li hemm fi Triq Bernardu de Opuo fiċ-Ċittadella. Din l-irħama skond ma' kienu jgħidu n-nies fi żmien Dun Franġisk Agius (1712-1770) kienet twaħħlet fuq il-bieb tad-dar fejn kien joqgħod Bernardo de Opuo. Fil-kitba bil-Latin u bit-Taljan tgħid hekk: "Ix-xorti tgħin lis-suldat qalbieni. Bernardo de Opuo, suldat Għawdex minn Villa Mirados." Fuq nett hemm l-annu, 1579, li wieħed jifhem li hi s-sena li fiha twaħħlet l-irħama, tmienja u għoxrin sena wara li seħħet dil-ġrajja. Hemm ukoll fjurdiliża mdaqqsa forsi xhieda ta' min waħħalha. Mela din l-irħama tixhed li għall-inqas Bernardo de Opuo kien jeżisti u li kien suldat qalbieni.

Għandna wkoll x'qal Dun Franġisk Agius (De Soldanis) fil-ktieb li kiteb fuq Għawdex fl-1746. Dan jgħid li dak li ġara lil suldat Sqalli li kien Għawdex x'ħin infetħu Bwieb il-Belt lit-Torok mhux ta' min iħallih barra. Kien miżżewweġ Għawdxija u kellu żewġ xbejbiet għadhom jitliebqu. Billi dan is-suldat ma kienx jiflaħ jarahom stuprati taħt għajnejh mit-Torok qatagħlhom griżmejhom u ġerżumt martu ma' tagħhom b'idejh stess. Imbagħad ħareġ barra u qatel żewġ Torok li riedu jidħlu f'daru, imma l-kotra ta' għedewwa li dawruu bċejjeċ.

Issa r-rakkont ta' dak li ġara Għawdex fl-aħħar granet ta' Lulju ta' l-1551, Dun Franġisk Agius jgħid li ħadu minn fuq Fazelo, Bosio, Foresba, Pantaleone, de Vertot u oħrajn. Billi 'l quddiem irridu naraw x'kiteb fuq Bernardo de Opuo s-saġġista de Montaigne naħseb li minn dawn il-kittieba tajjeb li naraw x'kiteb fuqu l-Abbati Franċiż de Vertot li kiteb l-Istorja tal-Kavalieri ta' Malta li traduzzjoni tagħha bl-Ingliż ħarġet Londra fl-1728.

Ix-xhieda ta' de Nicolai

De Vertot ir-rakkont ta' dak li ġara lil Bernardo de Opuo ħadu minn fuq dak li kiteb Nicola de Nicolai, li kien is-segretarju ta' l-ambaxxatur Franċiż Stonbol Gabriel François d'Aramont. Dan l-ambaxxatur wasal f'Malta flimkien mas-segretarju tiegħu nhar l-ewwel jum ta' Awissu ta' l-1551, jiġifieri jumejn wara li l-flotta Torka, salpat mill-flieġi mgħobbija bl-Għawdxin għal Tripli.

Flok issokta fi triqtu lejn Stanbul l-ambaxxatur, ma' de Nicolai u l-kavallier de Villegagnon bħala gwida, telqu malajr malajr l-għada lejn Tripli fuq birgantin ħafif ta' l-Ordni biex jipprova jdawwar lill-

ARTEX™
INTERIORS
GOZO

SUPPLY AND INSTALLATION OF:

. Textured Paint, Coving and Ceiling Roses
. Gypsum & Tiles Drop Ceilings
. PVC Anti-Umdita Wall Panelling
. Spray Painting of Rooms
. Large selection of Wallpaper and Borders
. Light Fittings

THE PAINT CENTRE WITH THE COLOUR OF YOUR CHOICE!

Showroom & Office
Mons. P Pace St., Victoria, Gozo.
Tel.: 55 15 57 Mob.: 0949 13 52

www.gozocathedral.org.mt

Baxa Sinan, li kien jafu sew, bil-ħsieb li kellu biex jieħdu l-Belt f'idejh. Kif waslu Taġura qrib Tripli raw lit-Torok inezzgħu 'l Għawdxin fil-baħar biex ix-xerrejja Għarab ikunu jistgħu jagħżlu l-aħjar fosthom u t-Torok ibigħuhom lil min joffri l-iktar.

M'għandniex xi ngħidu l-ambaxxatur ma mexxitlux l-ambaxxata u ġie lura Malta fit-23 tax-xahar ta' Awissu disat ijiem wara li t-Torok ħadu 'l Tripli lejlet Santa Marija. Billi barra de Villegagnon, Nicolas de Nicolai ukoll kiteb rakkont ta' dan l-episodju dolorus fl-istorja ta' l-Ordni u ta' Għawdex irrid insemmi li s-sultan d'Homedes wara li telqu t-Torok bagħat iġib l-Għawdxin li mexxielhom jiddendlu bil-ħbula mit-twieqi tad-djar li li kienu jagħtu għal fuq is-swar min-naħa tat-tramuntana lejn il-Birgu. Dun Franġisk Agius jgħid li kienu taħt it-tliet mija li ddendlu mal-lejl ta' bejn San Ġakbu u Sant'Anna.

Ma' dawn irridu nżidu l-erbgħin xiħ għakka li ħallew warajhom il-Baxa Sinan u r-Rajjes Dragut flimkien mal-patri Bartilmew Bonavia u mara b'binha. Imħabba t-tradizzjoni u mħabba l-fatt li l-Prof. Fiorini jikkalkola li kien hemm madwar ħames mit Għawdxi li mexxielhom jaħarbu lit-Torok, jien nemmen li kien hemm mal-mitejn ruħ oħra li flok marru ngħalqu wara l-ħitan tal-Belt dabbru rashom fl-imxieti daqs ħabs moħbija minn għajnejn l-għadu bil-ħitan tas-sejjieħ jitbqulhom il-bokka tagħhom u bis-siġar li jgħattu kollox.

Għalhekk x'ħin, nhar it-23 ta' Awwissu, wasal lura Malta l-ambaxxatur Franċiż u sħabu ma setgħux ma semgħux mill-Għawdxin miġbura l-Birgu b'dak li kien ġara Għawdex ftit inqas minn xahar qabel. Jekk ma setgħux jiftiehmu ma' l-erbgħin xiħ jew dawk li ħarbu u ħelsuha, żgur li setgħu jiftiehmu mal-patri Bonavia li kien teologu u predikatur u mhux biss iddendel

mas-sur biex jiftiehem mat-Torok imma qagħad f'Bieb l-Imdina huma u deħlin it-Torok biex jiżgurahom li ħadd mill-Għawdxin ma kien se jeqfilhom u setgħu jidħlu bla ebda tfixkil! Villegagnon kien, milli jidher, iġaħġaħ sewwa bil-Latin.

Naħseb li l-Għawdxin mhux biss fetħu ħalqhom dak in-nhar imma baqgħu sejrin ireddnu fuq li ġralhom fi xjuħithom għax Ġakbu Bosio jgħid li semagħhom b'widnejh stess jitkellmu, b'saħna kbira fuqhom, kif dak in-nhar il-Gvernatur de Sesse telaqhom għal rieħhom u pajjiżhom safa meqrud. Ġakbu Bosio beda jistampa l-opra tiegħu Ruma fl-1594 meta nafu li Għawdxin ta' l-1551 kienu għadhom ħajjin.

Ix-xhieda ta' de Vertot

Issa li nafu x'sehem kellu Nicola de Nicolai fil-ġrajja ta' l-1551 nistgħu naraw x'kiteb de Vertot minn fuq ir-rakkont tiegħu li ħareġ fl-1568. De Vertot jgħid: "Fost l-imsejkna Għawdxin kien hemm Sqalli li kien ilu ħafna snin Għawdex... Dan l-iSqalli, mitluf bil-għadab u l-ġelosija, qatel bl-istallett lil martu u liż-żewġ xbejbiet uliedu u billi qatagħha li ma jridx

gda

GENERAL DOMESTIC APPLIANCES

146, ST. URSULA STREET, VICTORIA, GOZO
TEL: 554062 - 551340

Sales & Servicing of;
AIR-CONDITIONERS

DOMESTIC APPLIANCES

We offer the BEST PRICES and SERVICE in GOZO

NEW POL®
The New Generation of
Domestic Appliances
Fridges, Freezers, Washing Machines,
Dishwashers & Tumble Dryers.

Teba
Gas Cookers

PART-EXCHANGE ACCEPTED.

BEST PRICES
BEST BRANDS
BEST SERVICE

mia
GERMANY

www.gozocathedral.org

jibqa' haj warajhom qabad l-arkibus u l-ballastra u bihom qatel żewġ Torok. Imbagħad wara li silet ix-xabla nxteħet ġo qatta Torok fejn wara li fiera x'uħud minnhom safa mbiċċer u hekk sab il-mewt li tant kien jixtieq." L-arkibus hu l-azzarin ta' dak iż-żmien u kont tisparah b'niċċa mqabbda. Il-ballostra, bit-Taljan ballestra, kienet arma ta' l-azzar immuntata fuq qafas għamla ta' salib, li kienet tispara vleġġeġ jgħidulhom dardi jew suġġetti.

Mela ta' Sqalli li kien, Bernardo De Opuo l-unur ta' martu u wliedu bniet kien jiġi qabel kollox u bejn id-diżunur ta' martu u ta' wliedu u l-mewt, għażel il-mewt. Bosio jgħid ukoll li De Opuo ma felaħx jara lil martu u liż-żewġ xbejbiet fil-fjur ta' żgħożithom stuprati mit-Torok taħt għajnejh.

Ta' min jgħid hawnhekk li l-mibegħda għamja u l-għatx kbir ta' vendetta li kellhom il-Maltin u l-Għawdxin kontra l-Franċiżi ta' Napuljun kienu ġejjin mill-fatt li s-suldati Franċiżi kienu stupraw lin-nisa tagħhom taħt għajnejhom u mhux għal ħafna raġunijiet li jħobbu jġibu l-istoriċi tagħna.

De Montaigne

Niġu issa għal dak li kiteb François Eyquem de Montaigne (1533-1592) fit-tieni ktieb tas-saġġi tiegħu. Għalkemm Montaigne kien jgħix fiż-żmien tal-ġrajja li qed nitkellmu fuqhom ma setax ikun jafhom ħlief mill-kotba. Kien twieled u għex ħafna minn ħajtu fil-Perigord pajjiż fil-Lbiċ ta' Franza ħdejn il-port ta' Bordeaux fejn Montaigne tul erba' snin bejn l-1581 u l-1585 kien sindku.

Montaigne kien bniedem koltissmu u kien iħobb, fost l-oħrajn, il-letteratura Latina. Dan ma setax jonqos meta tqis li tgħallem jitkellem bil-Latin minn ċkunitu qabel beda jtaqtaq bil-Franċiż. Dan jiswa għax il-kavallier Nicolas Durand de Villegagnon fl-1553 ħareġ bil-Latin, f'Pariġi, difiża ta' l-imġiba ta' l-Ordni fit-telf ta' Għawdex u Tripli, indirizzat lis-Suvran ta' Malta u Tripli, l-imperatur Karlu V, jisimha *De Bello Melitensi et ejus eventu imposito commentarius*. De Villegagnon barra li, kif diġa' semmejt, mar Tripli ma' l-ambaxxatur Franċiż, wara li t-Torok kif waslu Malta telgħu biex jieħdu l-Imdina, ma' ftit minn sħabu kien daħal f'dik l-belt assedjata, biex mela lill-Maltin bil-kuraġġ ħalli jissieltu mat-Torok. Fih f'dik is-siegħa kienu raw is-salvatur tagħhom.

Jien ma rajtx x'kiteb de Villegagnon imma se noqgħod fuq dak li kiteb Peter Paul Grech fit-teżi tiegħu, *Background to 'The Jew of Malta'*, fl-1966. Dan jgħid li de Villegagnon u de Nicolai kitbu tista' tgħid l-istess ħaġa fuq dak li ġara fl-1551. Jerġa' r-rakkont ta' dawn it-tnejn dwar Bernardo De Opuo jaqblu ma' dak li kiteb Bosio. Montaigne ħareġ l-ewwel żewġ kotba tas-Saġġi Bordeaux fl-1580. Imbagħad sentejn wara ħareġ it-tieni edizzjoni miżjuda. Fl-1588 żied it-tielet ktieb u baqa' wkoll iżid ma' ta' l-ewwel żewġ kotba. L-edizzjoni definittiva ħarġet tliet snin fuq mewtu fl-1595.

L-istorja skond de Montaigne

Fit-tielet kapitlu tat-tieni ktieb Montaigne ġab l-istorja ta' Bernardo de Opuo hekk: "Fil-gżira ta' Għawdex meta xi snin ilu t-Torok ġegħluha ċċedi kien hemm Sqalli li kellu żewġ xebbiet il-ġmiel tagħhom li kienu mlaħħqa għaż-żwieġ. Qatilhom b'idejh stess u magħhom qatel 'lommhom li ġiet tiġri x'ħin ratu se joqtolhom. Imbagħad ħareġ fit-triq b'ballastra u arkibus f'idu u b'żewġ tiri qatel lill-ewwel żewġ Torok li resqu lejn biebu. Imbagħad qabad ix-xabla f'idu, daħal b'qilla kbira f'nofs it-Torok, li dawruh malajr u qattgħuh bċejjeċ. B'hekk ħeles lilu nnifsu u lil niesu mill-jasar." Sa meta Montaigne ġie

www.gozocathedral.org.mt

Dino Felici

Scultori

Avenza - Italia

Fornituri ta' l-Artal tal-Katidral

(Disinn originali kav. Paolino Camilleri Cauchi)

Agenti: E. THEUMA & COMPANY LTD.

Theuma House, 302, St. Paul Street, Valletta. Tel: 234075, 236605
Fax: 244201. E-mail: theuma@dream.vol.net.mt

biex johrog l-ewwel edizzjoni tas-Saggi tiegħu fl-1580 kien hemm ir-rakkont ta' de Villegagnon li kien ħareġ Pariġi fl-1553 kemm bil-Latin kif diġà għidt u kemm bil-Franċiż jismu *Traicté de la guerre de Malte*. Barra dan ix-xogħol ta' de Villegagnon kien hemm ukoll il-ktieb ta' Nicolas de Nicolai bil-Franċiż jismu *Navigations, peregrinations, et voyages faicts en la Turquie* li skont de Vertot ħareġ fl-1568. Dax-xogħol reġa' ħareġ Anversa (Antwerp) fl-1578 u fl-1585 saret traduzzjoni tiegħu bl-Ingliż.

Għalhekk wieħed jista' jaħseb kemm kienet xterdet l-istorja ta' Bernardo De Opuo. Meta tqis li kemm de Montaigne u kemm il-kittieba li ġew wara bħal de Vertot kienu qed jibnu fuq dak li kienu kitbu fuq din il-ġrajja żewġ kittieba oħra li t-tnejn kienu Malta meta seħħu u ħadu sehem mhux ħażin fihom ma nafx kemm tista' tgħid li l-istorja ta' Bernardo de Opuo hi leġġendarja.

Ngħid għalija kieku ftit ir-rakkont ta' dawn iż-żewġ kittieba Franċiżi, jiġifieri de Villegagnon u de Nicolai, kellna biss dak li kiteb bit-Taljan Gakbu Bosio fuq Bernardo de Opuo, meta nafu li fi żmienu kienu għadhom ħajjin nies li kienu raw b'għajnejhom x'ġara f'belħom fl-1551 u li fost dawk l-Għawdxin kien hemm nies ta' skola, kien ikun biżżejjed biex nemmen li l-istorja ta' Bernardo de Opuo hi għal kollox minnha.

Dan it-twemmin jiżwettaq meta Bosio jgħid li l-Għawdxin xjuħ ta' żmienu kienu għadhom jiftakru bl-għadab għalli ġralhom fl-1551. Ngħidu aħna għalkemm il-kappillan tal-Matriċi ta' Santa Marija Dun Nikol Castelletti kien miet ilsir fl-1553, il-kappillan ta' San Ġorġ, Dun Lawrenz Apap, kien ħeles mill-jasar fl-1553 u dam ħaj sal-1586. Hekk ukoll għalkemm il-patri Bonavia li seta' tkellem ma' de Villegagnon u de Nicolai l-Birgu fl-1551 kien miet fl-1553, il-patri Pawlu Bajada li nfeda mill-jasar ħabta ta' l-1568 mhux biss dam ħaj sa l-1605, imma kien laħaq prijol ta' Santu Wistin, Għawdex. Dan biex ma nsemmix familji nobbli li marru joqogħdu Malta bħal ta' Navarra.

L-istorja skond Bosio

Għalhekk tajjeb nagħlaq billi ngħid x'qal Gakbu Bosio fuq din il-ġrajja akkost li ndejjaqkom għax, meta naf x'kull waħda qed joħorġu biha dak u l-ieħor meta jiġu biex jitkellmu fuq Għawdex, naħseb li ma ssirx ħsara billi wieħed itenniha.

Bosio kiteb: "Meta t-Torok daħlu l-Kastell ħadd ma waqfilhom ħlief suldat Sqalli li dwaru wieħed ma jistax jibqa' sieket imħabba l-kuraġġ, jew aħjar, ir-rabja selvaġġa, li wera. Dan kien joqgħod il-Kastell ta' Għawdex fejn iżżewweġ. Kellu żewġt ibniet li kienu laħqu għaż-żwieġ u billi ma felaħx jarahom ivvjolati u stuprati minn dawk il-Barbari taħt għajnejh qatagħlhom griżmejhom lill-waħda u lill-oħra. Qatel ukoll lil martu, li, billi kienet tħobb lil uliedha, x'ħin ratu se joqtolhom kienet ġriet biex teħlishom minn dik il-mewt kerha u tippreċedihom. Imbagħad, wara li kkarga ballasta ta' l-azzar u arkibus li kellu, sparahom it-tnejn fuq l-ewwel żewġ Torok li ġrew lejn daru biex jissakkeġġawha u qatilhom. Wara, silet ix-xabla u biha fiera żewġ Torok oħrajn, imma, billi dawruh oħrajn spiċċa mqatta' bċejjeċ.

Nota ta' l-awtur: Nixtieq niżżi ħajr lis-sur Marcell Mizzi li qalli bil-pass fuq Bernardo de Opuo f'Montaigne u silifni l-ktieb. Nixtieq ukoll nirringrazzja lis-sinjura Jinette Grech li silfitni t-teżi għall-MA tal-mibki żewġha Peter Paul Grech.

news & events
chat
postcards
iPals
panoramas
discussions
Get a FREE email address for life
GOZO.COM
SUN SEA FUN
www.gozo.com
put your business on Malta's hottest website!

ICS
Quality Computer Products
Island Computer Systems Ltd
J.F. Kennedy Sqr. Victoria - Gozo
Tel: 558783 /4
www.ics.gozo.com
computers
peripherals
upgrades
internet
software

The Showcase
...where Giftware means Luxury!
SCICLUNA
HOUSEHOLD GOODS & CANE FURNITURE (GOZO) LTD.
Shops: 11, 30, 32, 72, 101,
Palm Street, Victoria, VCT 103,
Tel. 554137; 556493.
email: sciclubajg@vol.net.mt

BROOKIES
PUB & RESTAURANT
Your hosts: David & Paul Portelli
1/2 Wied Sara Str., Victoria, Gozo - Malta.
(On the main road to Zebbug)
Tel: 559524
Fax: 553265
Mob: 0976433

L-EWWEL ĊENSIMENT TAĊ-ĊITTADELLA U R-RABAT 1667

STUDJU TA' JOSEPH BEZZINA

Kap tad-Dipartiment ta' l-Istorja tal-Knisja, tal-Patroloġija, u ta' l-Arkeoloġija Paleokristjana Università ta' Malta

• Dan l-istudju qasir hu prinċipalment ibażat fuq ċensiment ta' Għawdex magħmul fl-1667 — ċensiment li kont kxift fl-Arkivju tal-Kurja ta' l-Isqof ta' Għawdex u li ppubblikajt għall-ewwel darba fil-ktieb *Ta' Sannat fi ġrajjet Għawdex* fl-1989. Iċ-ċensiment jifforma parti mill-*Processus super erectione Collegiatae Insulae Gaudisii,* jiġifieri, il-Proċess għat-Twaqqif tal-Kolleġġjata ta' Għawdex jew, iktar preċiż, għall-esekuzzjoni tal-Bolla *Superna Dispositione* tal-Kolleġġjata maħruġa minn Papa Alessandru VII fl-20 ta' Ottubru, 1663. ara AEG (Arkivju ta' l-Isqof ta' Għawdex), *Capitula* (1663) 49r-52v (Ċittadella). 53r-55v (Belliegħa u Rabat trufijiet). 77r-85v (Parroċċa San Ġorġ).

• Iċ-ċensiment kien ordnat mill-Inkwiżitur Galeazzo Marescotto u ntemm fi żmien l-Inkwiżitur Angelo Ranuzzi. Kien magħmul minn Don Giovanni Antonio Cammilleri, Arċipriet tal-Matriċi, u minn Don Mariano Puglisi, Kappillan ta' San Ġorġ. Iċ-ċensiment kien mitmum sal-14 ta' Ġunju, 1667, għax dak inhar kien ippreżentat lill-Isqof Lucas Buenos matul il-Viżta Pastorali tiegħu f'Għawdex.

Iċ-Ċittadella, ir-Rabat, u l-kampanja

L-istruttura ta' l-inħawi mgħammra ta' Għawdex medjevali kienet l-istess bħal dik ta' Malta u Sqallija — struttura mqassma fi tlieta. L-ewwel struttura, u l-iktar importanti, kienet il-*Castrum*, il-Kastell — li 'l quddiem f'Għawdex issejjaħ l-Imdina, il-Belt, u ċ-Ċittadella — il-post imdawwar bis-swar biex ġo fih jistkennu l-Għawdxin matul xi invażjoni. It-tieni struttura kienet is-subborg tal-Belt, ir-Rabat — l-istess bħalma ż-żewġt ibliet fortifikati ta' Malta, l-Imdina u Kastelamar, kellhom rispettivament ir-Rabat u l-*borgo* jew Birgu. It-tielet struttura kienet magħmula mill-ħariet bi ftit nies imxerrda 'l hawn u 'l hemm fil-kampanja.

Il-*Castrum* ta' Għawdex hu dokumentat għall-ewwel darba fl-1241 fiċ-ċensiment magħmul minn Gilbertus Abate fiż-żmien it-tmexxija ta' l-Iżvevi. It-tmexxija ta' l-Iżvevi kienet mitmuma mill-Anġojjini fl-1266 u din damet sa l-1282, meta bdiet it-tmexxija twila ta' l-Aragoniżi. Il-*Castrum* jissemma mill-ġdid f'testment magħmul fit-8 ta' Frar, 1299, u iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar jissemma b'mod frekwenti. L-isem *Rabbatum* hu dokumentat għall-ewwel darba min-Nutar Andrea de Beniamino fit-22 ta' Frar, 1455.

Fil-Belt ta' Għawdex, bħal f'dik ta' Malta, kienu joqogħdu l-Gvernatur tal-gżira; l-uffiċjali ta' l-*Universitas* — il-gvern amministrattiv; il-Provigarju — ir-rappreżentant ta' l-Isqof; il-qassisin; il-ftit sinjuri; u oħrajn. Ir-Rabat kien joqgħod kulħadd u għalhekk mal-mixja tas-snin, ir-Rabat kiber bil-wisq iktar

PROPERTY FOR SALE

Msida/Pieta: Bright (shell form) apartment in a quiet area with sea views of Sa Maison. Block of 3 apartments in a very central area (2 minutes walk from St. Luke's Hospital & 1 minute away from Sa Maison) with a frontage of 50'.

Layout consists of kitchen/ dinning, sitting/living, 3 double bed-rooms, bathroom & spare shower/toilet plus box-room.

Phone: 551169

la femme

Ladies, teenage and child boutique

Karlu Galea Str., Victoria,
VCT 111 - Gozo, Malta.
Tel: 564243, 558886
Fax: 564215, Mob: 0947 0114

Mallia Property & Developments Co. Ltd.

Ta' Mallia

Hardware, Iron,
Steel & Fishing Equipment

Ta' Mallia, Mgarr Road, Victoria, Gozo, Malta.
Tel: (356) 556947 Fax: (356) 559086

mill-Belt. Il-ħariet kienu mgħammra mill-bedwini, in-nies tar-raba'.

Din il-qagħda hi riflessa fl-istrutturi ekkleżjastiċi. Fil-Belt kien hemm parroċċa waħda biss, il-Knisja Matriċi. Fir-Rabat kien hemm tliet parroċċi, Santa Marija ta' Taħt jew ta' Savina, San Ġakbu, u San Ġorġ. Hekk jissemmew fl-eqdem dokument li waslilna dwarhom, dokument li għandu x'jaqsam ma' l-għoti ta' l-indulġenzi tas-Sena Mqaddsa ta' l-1450.

Kien hemm tliet parroċċi għax kien hemm popolazzjoni ikbar mill-Belt. Kull parroċċa tar-Rabat kellha l-kwartier jew il-limiti tagħha kif jidher mir-rapport tal-Viżta Pastorali ta' l-1587 ġara AEG, VP (1587) 19rh. Jista' jkun li l-Parroċċa ta' San Ġakbu, patrun ta' Aragona, kienet isservi l-iktar lil xi uffiċjali Aragoniżi f'Għawdex. Il-parroċċi ta' Santa Marija ta' Savina u ta' San Ġakbu kienu soppressi fl-1575. Fl-1623, l-Isqof Baldassar Cagliares qata' ċar il-limiti taż-żewġ parroċċi l-oħra: il-Matriċi ngħatat il-Belt, it-trufijiet tar-Rabat, il-kampanja ta' Għawdex, u l-gżira ta' Kemmuna; San Ġorġ ingħata l-qalba kollha tar-Rabat, 'il ġewwa minn dik li hi magħrufa bħala "id-dawra tal-purċissjoni" [Ara AEG, VP (1623) 8v].

Iċ-ċensiment ta' l-1667 sar skond dawn il-limiti. Il-Matriċi kellha b'kollox 2968 persuna f'715-il familja; San Ġorġ kellu 1200 ruħ f'398 familja.

Iċ-Ċensiment

Dan iċ-ċensiment hu importanti għal ħafna ħwejjeġ, fosthom għax sar b'reqqa kbira. Hekk l-Arċipriet tal-Matriċi nnota li mhux qed jinkludi n-nies kollha li kienu joqogħdu Kemmuna f'Ġunju, għax uħud, jgħarrafna, ma kinux tal-fiss. Waqt li l-kappillan ta' San Ġorġ, wara li ġabar l-ismijiet kollha, għamel lista alfabetika tagħhom skond l-isem tal-kap tal-familja u ċċekkja t-totali. Dwar kull familja, iż-żewġ kappillani jagħtu dan it-tagħrif: (1) l-isem u l-kunjom tal-kap tal-familja; (2) ix-xogħol tiegħu, jekk kellu; (3) l-isem u l-età tal-membri kollha ta' kull familja; (4) tagħrif dwar l-istat tagħhom, bħal jekk kinux għażeb jew romol; u (5) tagħrif ġenerali ieħor. Tal-Matriċi nnotta wkoll (6) fejn il-kap tal-familja kien fqir.

Għal dan l-istudju se nieħu f'konsiderazzjoni (1) il-parruċċani tal-Matriċi li kienu joqogħdu fiċ-Ċittadella; (2) il-parruċċani fit-trufijiet tar-Rabat, u b'dawn qiegħed ninkludi, kif għamel iċ-ċensiment, iż-żona msejħa *Madonna delle Grazie* jew il-Belliegħa u ż-żona msejħa tar-Rabat, bejn taċ-Ċawla u Santa Dminka, u eskluża għalhekk iż-żona ta' Wied Sara li fiċ-ċensiment tidher wara l-Għasri; u (3) il-parroċċa kollha ta' San Ġorġ. Il-popolazzjoni kienet imqassma hekk:

Castello - Cittadella	358 persuna	106 familja
Madonna delle Grazie/la Bellicha	79 persuna	16 familja
Rabbato - Rabat	158 persuna	46 familja
Matriċi (Cittadella+Rabat)	595 persuna	168 familja
San Ġorġ	1200 persuna	398 familja
B'KOLLOX	1795 persuna	566 familja
GĦAWDEX	4168 persuna	1113 familja
Perċentwal (Matriċi+San Ġorġ)	43.1%	50.9%

CHARLES SCHEMBRI

SPECIALISED IN DECORATIVE ROPES
FOR STAIRS, HALLS AND PASSAGE WAYS



Tel: 460758

ROMANTIC DANIEL CALLUS STREET, HAZ-ZEBBUG - MALTA

CHARLES SCHEMBRI '*tal-ħbula*'

Nispecjalizzaw f'Vari tal-Ġimgħa il-Kbira, Statwi Religjuzi, Bambini u Figorini.

"Romantic" Daniel Callus Street,
Haz-Zebbug - Malta.
Tel/Fax: 460758 Mob: 09429610

Cafe Royal

5, Independence Square,
Victoria, Gozo
Bar and Cafeteria

The Place with a warm and friendly atmosphere

TA' DOLINDO JEWELLERY

Gold & Silver Repairer and Gold Plating

10, St. George's Sqr.,
Victoria, Gozo.
Tel: 551130

Jekk inti Omm jew ser issir Omm żgur għandek tmur sal-**BABY LANE**, il-post fejn issib Prams, Pushers u l-accessorji kollha li għandek bżonn it-tarbija tiegħek.
Issib ukoll il-ħwejjeġ għal kull okkażjoni għal tfal sa disa snin.

Issibuna fit-telgħa ta' l-Isptar Ġenerali t'Għawdex
Archbishop P. Pace Street,
Victoria, Gozo.
Tel: 564415 Fax: 555083

www.gozocathedral.org.mt

Jirriżulta miċ-ċensiment li kull familja kienet magħmula minn inqas minn erbgħa min-nies, 3.7 persuni kull familja. L-ikbar familja kienet tal-merkant Mastru Mattew Mifsud ta' 46 sena u martu Marija ta' 44 miċ-Ċittadella. Kellu ħdax tfal ħajjin: Paskalja ta' 22 sena, Ġann-Indri ta' 20, Katerina ta' 17, Rafel ta' 16, Ursulika ta' 14, Franġisk ta' 12, Dumink ta' 10, Ġwanni ta' 9, Anna ta' 7, Filippina ta' 5, u Bibjana ta' sentejn. L-ixjeħ persuna kienet toqgħod fit-trufijiet tar-Rabat u kien Pawlu Farrugia, deskritt *decrepito, povero, solo,* inkapaċitat, fqir, u waħdu, li kellu 106 snin. Jiġi li kien twieled fl-1561, għaxar snin wara l-Assedju ta' Għawdex.

Iċ-Ċittadella

Ir-residenti ewlienin taċ-Ċittadella kienu l-Gvernatur, il-Kommendatur Fra Alessandro Fattinelli, ta' 37 sena minn Lucca, l-Italja, u Don Gioacchino Selon, lawrjat fit-Teoloġija, il-Provigarju ta' l-Isqof f'Għawdex. Mal-Gvernatur kien hemm joqogħdu wkoll Fra Hegrimo Hegrir, il-Lwogotenent-Gvernatur, ta' 28 sena minn Lucca wkoll, u tliet servi, li wieħed kien jagħmilha ta' kok u ieħor, Fabio Fattinelli ta' 14-il sena, jissejjaħ *vassiotto,* aktarx serv addottat. Il-Provigarju kellu miegħu lin-neputi, Honorato Gaimard ta' 22 sena.

Għall-qadi tal-Knisja, kien hemm joqogħdu sittax-il qassis. Dawn kienu l-Arċipriet, Ġann-Anton Camilleri, li kellu 44 sena; il-Provigarju Don Gioacchino Selon, li żmienu mhux imniżżel; u tliet kanonċi: Dun Pietro Cini, Dun Mattheolo Dallo, u Dun Giorgio Paci. Il-qassisin kienu: Dun Thomaso d'Armenia, Dun Paolo Laurer, Dun Bartholomeo Zarb, Dun Paolo Madiona, Dun Archangelo Axiaq, Dun Benedetto Cumbo, Dun Grazio Sammut, Dun Salvatore Formosa, Dun Angelo Bonnici, Dun Giovanni



Pietro Dallo, u Dun Bernardo Haber.

B'relazzjoni mal-Knisja kien hemm ukoll sitt suddjakni; kjeriku mhux miżżewweġ; tliet kjeriċi miżżewġin; u żewġ sorijiet, *monaci di San Francesco,* aktarx Terzjarji Franġiskani Regulari: Sor Grazia Portelli u Sor Maria Haber.

Għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja kien hemm żewġ *giurato,* ġurati, li wieħed kien ukoll *giudice,* imħallef u l-ieħor *notaro,* nutar. Kien hemm nutar ieħor; u anki *fiscale,* teżorier, għall-ġbir tat-taxxi.

Għal saħħet in-nies, kien hemm *medico,* tabib wieħed biss.

Għad-difiża taċ-Ċittadella kien hemm: *Capo Mastro di Castello,* il-Kapumastru Francischito; *sorgente,* surġent; *aiutante artegliere,* ajjutant ta' l-artillerija; żewġ *bombardiere,* bumbardiera; u sitt *soldato,* suldati.

Snajja' oħra msemmija huma: erba' *mercante,* negozjanti; żewġ *massaro.*

We at

RAINDROPS

Can change your house to a home with unique flower Arrangements and exotic indoor and outdoor plants.

Landscape your garden with pleasure Get rid of watering troubles by using our drip irrigation system.

Get rid of pests with our expert advice.

SHOP
23 Main Gate Street,
Victoria, Gozo.
Tel: 554114

STORES & OFFICE
Borg Gheritu Street,
Victoria, Gozo.
Tel: 551254, Fax: 561489

www.gozocathedral.org.mt

kelma mill-Isqalli *massaru*, li fi żmien l-istoriku De Soldanis kienet tingħad fostna u li tfisser bniedem li jiehu ħsieb dar jew razzett, anki wieħed li hu fuq ragħajja oħrajn, jew għandu xi raba' taħt il-ħarsien tiegħu; *tagliapietra*, bennej; *scalpelino*, kissier tal-ġebel tal-qawwi; *ferraro*, ħaddied; *barbiere*, barbier; *scarpano*, skarpan; *fornaro*, furnar.

Kien hemm ukoll tlettax-il qaddej, inklużi dawk li semmejna mal-Gvernatur. L-Arċipriet kellu żewġ servi, Agostina ta' 38 sena u Ġamri ta' 14. Minn dawn it-tlettax, erbgħa kienu rġiel, inklużi żewġ subien, u disa' nisa. Mara oħra hi deskritta bħala *serva dell'hospizio*, aktarx servjenta fl-isptar San Ġiljan fiċ-Ċittadella.

Il-Belliegħa u r-Rabat

In-numru tan-nies fil-periferija tar-Rabat, jiġifieri fil-Belliegħa u bejn taċ-Ċawla u Santa Dminka, kien żgħir.

Fost l-oħrajn kien hemm tliet qassisin: Dun Marcello Madiona, il-Belliegħa u Dun Francesco Divola u Dun Giuseppe D'Avola, ir-Rabat. Kien hemm ukoll żewġ kjeriċi mhux miżżewġa li wieħed minnhom kien benefiċjat, jiġifieri kellu dħul minn benefizzju, iżda kien inkapaċitat; kjeriku miżżewweġ; u żewġt aħwa li kienu sorijiet: Sor Agata u Francesca Camilleri.

Il-ftit nies li kellhom xogħol kienu: *tavernaro*, ħanut ta' l-inbid, Domenico Berlinghier, aktarx xi Sqalli li kien joqgħod ir-Rabat; kien hemm sitta *massaro*; *macellaro*, tal-laħam; *marinaro*, baħri, u *ferraro*, ħaddied.

Kien hemm żewġ prostituti pubbliċi: Vitorja, li r-raġel tagħha Franġisk Cauchi kien waqa' skjav; u Marzia, mara Maltija mart Lawrenz Zammit.

Kien hemm tliet skjavi, tnejn minnhom qaddejja ta' Dun Marċell Madiona, Grazzja ta' lewn iswed ta' 50 sena

u Marzio, ta' sittax-il sena, aktarx binha. Skjav ieħor, Gajtan ta' 24 sena, mas-Sinjur Giovanni Marija Cardona u martu jingħad li kien *cr(istia)no*, kien ikkonverta għall-Kristjaniżmu. Kien hemm ukoll serva, Marija ta' erbatax-il sena.

Il-faqar

L-Arċipriet tal-Matriċi, waqt iż-żjarat tiegħu fid-djar tal-parruċċani, innota fejn il-kap tal-familja kien fqir. Għalhekk wara isem dawn kiteb *capo di casa povero* jew *povera* f'każ ta' armla. Din il-frażi tfisser li, kif jgħid il-Malti, ma kellhomx ħabba fuqiex jaħilfu. Kulma jaqilgħu, minn idhom għal ommhom, kien imur biex jitrejqu.

Minn dawn kien hemm 31 kap fiċ-Ċittadella u 33 il-Belliegħa u r-Rabat, li bil-familji tagħhom jiġu 108 u 129 ruħ rispettivament. B'kollox għalhekk, kien

MARDAN'S Mini Market

Discount Supermarket
For all your daily need

Sabina Square, Victoria - Gozo
Tel: 556906

For all your daily needs

hemm 64 familja jew 237 persuna li jgħixu fl-istat ta' faqar. 64 familja fuq 168 li kienu joqogħdu f'dawn iż-żoni, ifisser li 38.1% tal-familji jew aħjar 237 persuna fuq 595, jiġifieri 39.8% tan-nies, kienu jgħixu fil-faqar.

Dan ifisser li meta kien hemm xi xogħlijiet pubbliċi għaddejjin, bħal bini jew tiswija ta' swar, jew fi żmien il-ħsad tal-qoton kienu jġaħgħuha. Fiż-żminijiet l-oħra, kemm kemm kien ikellhom biex jitrejqu.

Il-qalba tar-Rabat, il-Parroċċa ta' San Ġorġ

Iċ-ċensiment tal-parroċċa ta' San Ġorġ qiegħed f'ordni alfabetiku skond isem il-kap tal-familja. Ħaġa ta' l-iskantament hi li fil-parroċċa ma kien joqgħod ebda qassis. Dun Mariano Puglisi, il-kappillan, aktarx kien joqgħod hemm, iżda meta għamel iċ-ċensiment ma niżżilx lilu nnifsu. Imbagħad kien hemm kjeriku u soru *monaca di San Francesco*, Klara Frendo ta' 60 sena. Kien hemm ukoll żewġ sagristani: Bernard Curmi li kellu l-mara u sitt itfal, it-tielet kien jismu Ġorġ, wieħed mill-ftit b'dan l-isem; l-ieħor kien Damjan Calleja, li kellu mara u tlitt itfal.

L-uniku professjonist fil-parroċċa kien *chirurgo*, kirurgu, Carlo Haxixa ta' 35 sena li kien joqgħod waħdu. Persuna oħra hija mniżżel *comp(utisti)co*, uffiċjal li kien iżomm il-kontijiet ta' xi amministrazzjoni pubblika jew privata, bl-Ingliż jissejjaħ *accountant*. Kien hemm ukoll erba' *massaro*. Wieħed minnhom kien Ġorġ Żarafa ta' 45 sena, l-uniku *capo di casa* li kien jismu għal San Ġorġ, il-patrun tal-parroċċa. Tnejn oħra huma deskritti *Mastro* mingħajr però ma hemm speċifikat x'kienu.

Nies li kellhom x'jaqsmu mad-difiża u l-bwonordni fil-parroċċa kien hemm: tlieta *soldato*, suldati; u *bombardiere*, bumbardier. Kien hemm ukoll wieħed deskritt *tacc(hella)ro*, aktarx sbirra, għax *tacchelle* bl-Isqalli hi *manette de' birri*, manetti li jużaw l-isbirri, aġenti tal-pulizija.

Snajja' msemmija huma: tlieta ħaddiema tal-ġebel, fosthom wieħed *muratore di pietra siccha*, bennej tal-ħitan tas-sejjieħ, u ieħor *tagliatore di pietra*, baqqunier jew kissier; ħamsa *piscatore*, sajjieda aktarx bid-dgħajsa u mhux minn fuq l-art biss; u tlieta *marinaro*, baħrin.

Bil-ħwienet jew bin-negozju kien hemm: wieħed *merca(ta)ro*, bejjieħ bl-ingross; tmienja *bottegaro* jew *pottegaro*, bejjiegħa bl-imnut, bil-ħwienet tal-merċa; tnejn *mercante*, bi ħwienet ta' merkanzija; ieħor *trafficante*, bejjieħ bil-karrettun; żewġ *compratore*, kumpraturi tat-tjur bil-karrettun; tlieta kienu *cri(ta)ro*, kelma mill-Isqalli li tfisser *che fa o vende oggetti di terracotta* jiġifieri fuħħari; tlieta *fornaro*, furnara; wieħed *macellaro*, tal-laħam; u ieħor *tavernaro*, b'ħanut ta' l-inbid, li b'differenza ta' tavernar ieħor li semmejna kellu kunjom lokali, Ġamri Cassar.

Kien hemm ukoll tmien *mastro d'ascia*, mastrudaxxi; tlieta *ferraro*, ħaddieda; żewġ *barbiere*, barbiera; erbgħa *sarto*, ħajjata; żewġ *scarpano*, skrapan.

Kien hemm diversi ħaddiema fil-ġarr tal-merkanzija: 24 *burdnaro*, burdnara jew ħaddiema li jġorru bil-karrettun u l-bagħal; tnejn *facchino*, psatas jew reffiegħa, għalhekk il-proverbju: min iġorr qofftu mhux pastas; u tlieta *alario*, messaġġiera.

Kien hemm erba' *buttaro*, buttara, dawk li jagħmlu, isewwu, u jbiegħu il-btieti. Hsieb il-buttar fejn iqiegħed iċ-ċirku, igħid il-Malti. Ifisser li kien hemm numru konsiderevoli ta' nies jgħasru l-għeneb fid-djar ħalli jkollhom l-inbid tagħhom.

SAMMY SPITERI

tal-Majjust

Għal kul xogħol ta' Konkos,
bini u kiri tal-crane.
Issibu wkoll qatran, expansion joints,
membrane, sealer, jablo u
kull xorta ta' materjal tal-bjut.

Tel: 099 8133, 558982, 555789

"Warda Mistika" Saghtar, Str., Victoria, Gozo.

CARUANA & CINI
COMPANY LIMITED
40/41 Capuchins' Str. Victoria VCT 108 - Gozo
Tel: 551918, 564431, 564432 - Fax: 561638

Gozo Representatives for

ARISTON & Hotpoint
Appliances

5 year GUARANTEE

www.gozocathedral.org.mt

L-ikbar numru ta' kapijiet ta' familja huma mnizzla *giardinaro,* b'kollox hemm 129 persuna, li huma u d-dipendenti taghhom jaghmlu b'kollox 478 ruh, li jfisser 32.5% tal-parroċċa. Il-ġardinar huwa proprjament dak li jieħu ħsieb ġnien u dak iż-żmien ma kienx hawn għajr ġnien jew tnejn ta' xi sinjur. Għalhekk dan m'hu xejn għajr isem ieħor għall-ħaddiema tar-raba'. Aktarx li l-isem *giardinaro* jrid jagħti x'jifhem li dawn kienu bdiewa li kienu proprjetarji ta' xi biċċa mir-raba' li jaħdmu.

Ta' interess hu t-tagħrif mogħti minn nisa miżżewġa li l-irġiel tagħhom kienu assenti. Sebgħa kellhom *marito in corso,* jiġifieri bi professjoni ta' pirati tal-baħar, xogħol riskjuż iżda li seta' jirrendi ħafna; ħamsa kellhom *marito bonavoglia,* qaddiefa minn rajhom u allura bil-paga fuq ix-xwieni ta' l-Ordni; oħra kellha *marito forzato,* qaddief fuq ix-xwieni b'xi kastig; ħamsa kellhom *marito fugittivo,* żwieġhom kienu telquhom u ma kinux jafu x'sar minnhom; ta' tnejn oħra kienu *fugittivo in Sicilia,* kienu telquhom u maru Sqallija ma' xi oħra; ta' oħra kien marito *schiavo,* skjav; u ta' oħra kien *marito scansato,* kien abbanduna l-familja; oħra kellha *marito in Sicilia,* aktarx bħala emigrant biex jaqla' ħobżu; u ta' oħra kien *marito a levante,* jiġifieri fil-Lvant, aktarx ukoll jaħdem.

Kien hemm raġel, Ġiljan Mifsud ta' 33 sena, li *non fu confessato, ne comunicato, et ripudiò la moglie,* la qerr, la tqarben u kien keċċa l-mara.

Ħames persuni, bil-familji tagħhom tlettax-il ruħ, huma deskritti bħala *men(di)co,* tallaba bi professjoni. Waħda mill-uniċi nisa bix-xogħol kienet *marmara,* qabla. Kien hemm ukoll mara sewda *negra,* jisimha Anna Marija bla kunjom tgħix waħidha, aktarx xi skjava li ngħatat il-libertà. Kien hemm ukoll *fatuo* u *fatua,* iblah u belha. Kien hemm ukoll *scapuccina,* prostituta, Prudentia Calleja ta' 50 sena, tgħix weħidha.

Il-kappillan ta' San Ġorġ ma jagħtix tagħrif dwar il-foqra fil-parroċċa tiegħu. Wisq probbabli li ħafna minn dawk li hu jiddeskrivi bħala *giardinaro,* kienu jaqgħu fil-kategorija ta' dawk li tal-Matriċi sejjaħ *capo di casa povero.* Iżda mhux bil-fors. Minn naħa l-oħra jgħarrafna min kien iqerr u jitqarben fi żmien l-Għid il-Kbir, tagħrif li tal-Matriċi ma jagħtihx.

Jagħtina wkoll tagħrif dwar ir-romol, l-orfni, nies deskritti *schetto,* kelma bl-Isqalli li tfisser persuni li qatt ma kellhom mara jew raġel, u tagħrif ieħor.

Konklużjoni

Dan hu ċensiment ta' interess kbir għall-istorja soċjali u reliġjuża ta' Għawdex. Is-soċjetà Għawdxija fit-tielet kwart tas-seklu sbatax kienet waħda li għamlet ċertu progress meta tqabbilha ma' oħrajn fl-istess żmien. Minkejja d-diffikultajiet li l-Għawdxin kienu jiltaqgħu magħhom għax iżolati fuq gżira, irnexxielhom jagħmlu lil Għawdex art twelidhom post fejn wieħed seta' jgħix b'ċerta kumdità.

Din ir-riċerka kienet kummissjonata mis-Sindku u l-Kunsill Lokali tar-Rabat, *Città Victoria,* u nqrat għall-ewwel darba nhar il-25 ta' Frar, 2000, waqt iċ-ċerimonja għall-Għoti ta' *Ġieħ ir-Rabat,* fis-Sala tal-Laqgħat tal-Ministeru għal Għawdex.

© COPYRIGHT • JOSEPH BEZZINA • 2000

iris
PORCELLANATO
TILES

Sole Agents:

Joseph Caruana Co. Ltd.

'Caruana Bldgs', Mgarr Road, Victoria.

Tel: 560019

www.gozocathedral.org.mt

IT-TOROQ TAL-BELT IL-QADIMA TA' GĦAWDEX

KITBA TA' VICTOR J. GALEA

Il-pubblikazzjoni din is-sena tal-ktieb tal-Professur Godfrey Wettinger *The place-names of Malta and Gozo* fuq l-ismijiet tal-postijiet tal-gżejjer Maltin mill-1300 sa l-1800 ħajjarni nagħti ħarsa lill-ismijiet tat-toroq li kellha dari l-Belt il-qadima ta' Għawdex li wħud minnhom dehru f'dan il-ktieb għall-ewwel darba.

Iż-Żenqa

Sa nibda minnha għax din hi l-ewwel Triq li wieħed jilmaħ fuq il-lemin kif joħroġ mill-bieb il-kbir tal-Katidral. Mit-tarag tal-Katidral taħsibha xi sqaq dejjaq tielà 'l fuq imma mhix għax għal manikata tiegħu tmejn biex tergà' taqbad ir-rotta 'l fuq lejn il-palazz ta' Cagliares.

Sa fejn naf jien l-ewwel li jsemmiha ż-Żenqa kien Kan. Franġisk Agius fid-dizzjunarju tiegħu fl-1750 fejn kitibha bir-Rabti Żanqa. Meta t-toroq semmewhom bit-Taljan din issemmiet Strada Zanka għax dari l-"qe" kienu jiktbulha "ke". Imma wara li faqqgħet il-gwerra ma' l-Italja fl-1940 u t-toroq semmewhom bil-Malti kif niktbuh illum xorta baqgħet Triq Żanka, kif tingħad bir-Rabti. Wara li nibdlu xinhi din l-imbierka Żanka deherli li għandha tis-semma ż-Żenqa biss għax il-kelma Triq ma tmurx magħha kif se naraw.

Xi tkun żenqa? Kan Franġisk Agius xhin fisser din il-kelma ma setax ma kellux f'moħħu ż-Żenqa tagħna billi kien jaraha darbtejn kuljum mit-taraġ tal-matriċi xħin jitla' għall-kor. Dan jgħid li żenqa hi sqaq qisu mingel sewwa sew kif inhi ż-Żenqa tagħna. Iżid ukoll li henqa hi triq twila li minnha tgħaddi għal fok ta'djar barra li hi sqaq.

Li żenqa hi sqaq jidher minn dak li sab il-Prof. Wettinger il-Qala fejn iż-Żenqa kont issibha f'post jgħidulu s-Sqaq. In-Naxxar dari kien hemm sqaq twil u dejjaq u fl-aħħar jilwi bħal gavti li kont tidħol għalih minn Triq Santa Luċija jgħidulu ż-Żenqa. Biż-żmien fiż-Żenqa nfetħet triq dritta u semmewha l-Ġdida u kienet tiegħu għal Triq is-Salib. Issa m'ilux minnha għaddew iż-żewġ toroq principali għan-Naxxar u Triq Żenqa saret biss biċċa mit-Triq il-Ġdida li minn Santa Luċija tiegħu għal Vjal il-21 ta' Settembru. Miż-żenqa l-antika baqa' biss l-aħħar biċċa tas-sqaq.

Il-Belt u l-Birgu wkoll niltaqgħu ma' żenqa did-darba triq li tgħaqqad naħa ma' oħra. Iż-Żenqa tal-Belt, jgħidilna Sir Temi Zammit hi dik id-daqsxejn ta' nizla li ġġibek fuq is-Sur ta' Hastings. Iż-Żenqa tal-Belt tgħaddi ħakkek mal-kavalier ta' San Ġwann u issa semmewha għalih. Iż-Żenqa tal-Birgu tgħaddi minghala l-Monasterju ta' Santa Skolastika dari l-infermerija jiġifieri l-Isptar tal-Kavallieri. Skond Lorenzo Zahra kien fiha żewġ sqaqien.

Ħarit il-Kbira u Ħarit il-Ħamien

Il-Prof. Wettinger isemmi żewġ toroq li kienu jgħidulhom ħara fiċ-Ċittadella ta' Għawdex, ħarit il-Kbira u Ħarit il-Ħamien, il-waħda fl-1539 u l-oħra fl-1551 qabel l-istraġi tat-Torok. Il-kelma ħara li bil-Għarbi tfisser kwartier jew triq tixhed il-qedem tal-Belt ta' Għawdex għax dan l-isem daħħluh is-Saraċini fl-1049. Bħalissa qed niftakar f'Harit is-Saqaliba, jiġifieri ta' l-Ilsiera, Palermu.

L-Imdina ta' Malta wkoll kien hemm il-Ħara t-Twila li għamlet żmien tissejjaħ Strada Lunga u llum Triq Inguanez. Barra l-Ħara t-Twila kienu jgħidulha wkoll Ħarit l-Imwieli. L-Imwieli kienu s-sinjuri fewdali ta' Malta li kellhom il-bejta tagħhom jgħidulha l-Kastell f'din it-Triq.

Għalkemm l-eqdem dizzjunarju li għandna bil-Malti, jiġifieri dak li ħareġ

"Tax-Xelina"

For exclusive Men's Fashionwear & Footwear

92, Palm Street, Victoria, Gozo.
Tel: 554719

ĠIĠA SHOES

15/21 DESOLDANIS STREET
99A, PALM STREET, VICTORIA - GOZO.
TEL/FAX: 557430

FOR ANY KIND OF CHILDREN, LADIES AND MAN'S FOORWEAR

NOW ALSO IN THE NEW SHOP IN 99A, PALM STREET, VICTORIA.

www.gozocathedral.org.mt

Arnold Cassola, jgħid li ħara hi triq f'belt, ħaġa li tgħodd kemm għall-Imdina ta' Malta u kemm għall-Imdina ta' Għawdex. L-Għawdxin il-kelma ħara kienu jużawha għal toroq oħra. Hekk ir-Rabat għandna l-Ħara d-Dejqa, isem li jixbed ukoll il-qedem tar-Rabat, l-iktar dawk l-inħawi fejn hemm din it-triq. Għandna wkoll tliet toroq San Lawrenz, il-Ħara tar-Rokon, il-Ħara tat-Torri u l-Ħara tal-Munqara (Triq Wied Meriħ).

Kurjuża hi l-espressjoni: "ħarra minn hawn seba' ħarat", lil xi ħadd jew xi ħaġa li tridu jew li tridha titbiegħed 'l hinn minn seba' toroq biex ma jkollokx setgħa iktar fuqha jew hi fuqek. Bonelli jgħid li meta xi ħadd kien itirlu għasfur mill-gaġġa wara li jitbiegħed seba' toroq minnek jekk jaqbdu xi ħadd ma kontx tkun tista' teħodhulu.

Filwaqt li ħarit il-kbira sibtha Ruga Magna, jiġifieri t-Triq il-Kbira fit-testment ta' Nikolang Maħnuq (1618) u għalhekk mill-irjieħ li jagħti tad-dar li kellu fuq is-Sur jidher ċar li hi Triq il-Kwartier għax ir-riħ tal-Punent hu s-Sur, it-triq l-oħra ħarit il-Ħamiem (1528) ma nafx fejn kienet. Biss billi tissemma l-imramma jiġifieri s-Sur, naħseb li bħall-oħra kienet għaddejja mas-sur is-sur. Ta' min isemmi hawn li ħarit l-Imwieli ta' l-Imdina ta' Malta wkoll għaddejja minn għala s-sur.

It-tifsira li jagħti l-prof. Wettinger bil-kelma Ħamiem jiġifieri ħammiem, jew Banju tixbed ukoll il-qedem tal-belt il-Qadima ta' Għawdex. Għid il-ħamiem li hu Jum il-Banju jew Magħmudija ta' Kristu. Għajn Ħamiem barra r-Rabat ta' l-Imdina li Abela jiktebha Ħammiem u l-Għajn tal-Ħammiet barra r-Rabat ta' Għawdex, li kittieba Għawdxin bħal Dun Alwiġ Vella kienu jiktbuha "Ħammiemiet" mill-ħwat li għad hemm fejn dawn l-għejun kollha ġejjin minn żmien is-Saraċini (1049-1250c?).

Toroq imsemmija għal knejjes

Il-prof. Wettinger isemmi wkoll tliet kwartieri msemmija għall-qaddisin tal-knejjes li kien hemm fuq is-Sur. Il-

kwartier ta' San Nikola (1559) u l-kwartier ta' San Lawrenz (1585) xejn ma ħasduni, imma dik tal-kwartier ta' San Mark (1559) ngħid is-sew xejn ma kont qed nistennieha. Dan ifisser li hemm fuq kien hemm knisja ta' San Mark li sa ma ġie Dusina fl-1575 kienet spiċċat għax kieku kien jixirfilha waħda.

Il-kwartier ta' San Nikola kien fejn hemm il-knisja ta' San Ġużepp. L-arċipriet Dun Salv Pontremoli fl-1637 jgħid li l-isqof Cagliares ħallielu d-dar tmiss mal-knisja ta' San Ġużepp fit-Triq ta' San Nikola (Ruga di San Nicola), illum Triq San Ġużepp, biex joqgħod fiha.

M'għandniex xi ngħidu qabel ma jinstab fejn kienu l-knejjes ta' San Lawrenz u San Mark ma nistgħux ngħidu liema kienu t-toroq imsemmija għalihom. Hawnhekk taj-jeb wieħed isemmi li qabel ma l-arkitett Vitor Cassar bena mill-ġdid is-sur li jħares għal fuq ir-Rabat mill-Kavalier ta' San Mar-tin sal-Kavalier ta' San Ġwann il-ħitan tal-Belt f'Għawdex kienu ġejjin għal-tond dik in-naħa wkoll u għalhekk seta' kien hemm xi toroq li llum inqerdu.

Triq oħra msemmija għall-knisja li kien hemm fiha li jien sibt fir-rapporti tal-viżti

pastorali kienet Triq San Ġwann (Ruga di San Givanne). Dit-triq illum jisimha Triq Bieb l-Imdina u sa ftit ilu kienet Triq il-Habs (Strada Prigione). Isem ieħor li kellha din it-triq kien ir-Rokna (Ruga errochna) għax ma tinfidx. Mela din it-triq kellha kemm-il isem. F'tarf minnhom kellha l-ħabs fi żmien l-Ingliżi u għalhekk issemmiet għalih. Ir-Rokna tiġi fejn tispiċċa t-triq qabel ma tidħol fejn hemm il-ħabs. Imbagħad San Ġwann kienet dik il-parti ħdejn Santa Barbra li qabel bnieha mill-ġdid l-arkitett Vitor Cassar kienet ta' San Ġwann. U fl-aħħarnett it-Triq tibqa' sejra għall-mina ta' Sant'Anna, Bieb il-Belt li fl-antik kien Bieb l-Imdina.

Nistħajjilkom tgħiduli: Kif taf li dan kien Bieb l-Imdina jekk l-arkitett Vitor Cassar tella' dik il-parti mill-ġdid? Iva, mit darba u elf, imma l-perit Cassar kellu ordni mis-Sultan Wignacourt biex il-bieb tal-Kastell iħallih fejn kien qabel. Kieku, naħseb jien, Cassar aktarx kien jieħdu nofs triq bejn il-Widna tal-Bastjun ta' San Mikiel u l-Widna tad-Demi-bastjun ta' San Martin jiġifieri fejn iċċarrat is-Sur mnejn nidħlu llum.

Toroq oħra

Skond il-prof. Wettinger fil-kwartier ta' San Lawrenz kien hemm it-triq ta' Sabat (Ruga di Sabat) (1585); Sabat kien kunjom jinkiteb Sabbat li dam ħaj sa madwar l-1500. Il-prof Wettinger iltaqa' wkoll mat-triq tal-Miex fl-1576. Kien hemm ukoll Triq il-Kampnar li jsemmiha l-Arċipiret Dun Salv Pontremoli fl-1637 li ma tistax tkun oħra ħlief Triq il-Fosos (Strada Fosse) u Ruga di Cashio fejn kien joqgħod il-kappillan ta' San Ġorġ, Dun Lawrenz Apap li għex u miet il-Kastell fl-1586. Dan skond it-testment tiegħu kif kiteb in-Nutar E. Montanaro.

Triq Bieb l-Imdina

Hallejt din it-triq għall-aħħar imħabba l-importanza tremenda li għandha għall-istorja tal-Belt il-Qadima ta' Għawdex. Il-prof. Wettinger sab dan l-isem Ruga Beb el-Medina f'kitba Nutarili ta' l-1587. Triq Bieb l-Imdina skont din il-kitba kont u-sibha ġewwa l-Kastell u għalhekk skont isimha stess kif tidħol minn Bieb il-Belt 'l ġewwa.

Dan l-isem, kif jgħid il-prof. Wettinger juri li ċ-Ċittadella f'Għawdex dari kienu jgħidulha l-Imdina jiġifieri l-Belt kif semmew l-Imdina wkoll il-Belt il-Qadima ta' Malta. Is-Saraċini semmew Imdina wkoll il-belt ta' Palermu li għalihom kienet il-belt kapitali ta' Sqallija kif għadha sa llum.

Dan l-isem ifisser li s-Saraċini, li ġew Malta fl-1049 wara li kien ilha ħerba sa mis-sena 870, kif waslu hawn hadu ħsieb kemm ta' l-Imdina ta' Malta u kemm ta' l-Imdina ta' Għawdex biex ikunu jistgħu jilqgħu lill-għadu li f'ħin jew ieħor kien mistenni jaħbat għalihom. L-għedewwa tas-Saraċini kienu r-Rumani, jiġifieri l-Biżantini, li ħabtu għal Malta fl-1054 u n-Normanni li fl-1042 niżlu l-Pulja taparsi pellegrini jżuru l-għar ta' San Mikiel, Monte Gargano u baqgħu hemm iġelldu u jiġġieldu. Fl-1060 il-konti Ruggieru ħabat għas-Saraċini Sqallija u tletin sena wara ġie Malta u lil Għawdex issakkeġġjah. Dan jista' jfisser li s-Saraċini Għawdxin daħlu għall-kenn tas-swar u ħallew lin-Normanni jħarbtu l-kampanja, għax Malta n-Normanni serqu lis-Saraċini Maltin bil-galbu billi fethulhom bwieb l-Imdina.

Is-Saraċini biss setgħu semmew il-Belt l-antika ta' Għawdex l-Imdina għax għalihom dil-kelma kienet tfisser Belt. Biż-żmien il-kelma Imdina saret biss isem ta' post kif saret ukoll il-kelma Rabat li kienet tfisser subborg għas-Saraċini. Dan narawh fl-isem il-Birgu li hu s-Subborg ta' Sant' Anġlu u fl-isem tal-Belt Valletta li kulħadd isibha l-Belt u mhux l-Imdina.

Hekk ukoll l-Imdina ta' Għawdex wara li l-Għawdxin tkaxkru r-rink fil-jasar fl-1551, dawk li ġew wara bdew jgħidulha l-Belt kif dejjem kont nisma 'l ommi u lil missieri jsejħulha. X'ħin il-qniepeb tal-katidral kienu jkunu jdoqqu qishom ġol-bitħa tad-dar tagħna s-Sruġ, ix-Xagħra, missieri, Alla jaħfirlu, kien jgħid: Il-Belt qiegħda ddoqq!

SERVIZZI TAL-GVERN FIR-RABAT TA' GHAWDEX BEJN L-1870 U L-1879

MINN:
WINSTON L. ZAMMIT BA (HONS) MA PGCE

Skond iċ-ċensiment li sar fit-3 ta' Mejju 1871, ir-Rabat ta' Għawdex kellu popolazzjoni ta' 4,615, jiġifieri, 2,285 raġel u 2,330 mara.[1] Sa għaxar snin wara fit-3 ta' April, 1881, meta reġa' sar iċ-ċensiment[2] ir-Rabat kellu popolazzjoni ta' 5,820 ruħ mqassmin hekk:

IRĠIEL	
Maltin	2,687
Ingliżi	1
Barranin	56
NISA	
Maltin	3,073
Barranin	3

Fis-snin sebgħin tas-seklu dsatax iċ-ċentru prinċipali tal-gżira Għawdxija kellu numru ta' servizzi pprovduti mill-Gvern li kienu jinkludu skola sekondarja għas-subien; żewġ skejjel primarji, waħda għas-subien u l-oħra għall-bniet; numru ta' pulizija; u tabib tal-Gvern. Ir-Rabat ta' Għawdex kellu wkoll provvista ta' ilma. Kien ukoll l-uniku post f'Għawdex li kellu servizz ta' mixegħla ta' fanali u ta' knis, tindif u ħasil tat-toroq.

Il-ħsieb tiegħi f'dan l-artiklu huwa li nagħti ftit tagħrif fuq kull wieħed minn dawn is-servizzi.

L-Iskola Sekondarja tas-Subien

Fir-Rabat ta' Għawdex minbarra s-Seminarju Djoċesan li kien twaqqaf fl-1866 u li kellu wkoll skola sekondarja, kien hemm ukoll skola sekondarja għas-subien. Iżda mill-istatistika li ġbarna ma jidhirx li l-attendenza fiha kienet kbira. Bħala eżempju sejrin nagħtu dawn il-figuri.

Month	*Average No of Pupils on School Rolls*	*Average Attendance at School*
July 1878	33	28[3]
December 1878	34	29[4]
March 1879	32	27[5]
June 1879	27	22[6]
September1879	33	31[7]

[1] *Census of the Civil Population of Malta* (3-V-1871), Malta 1872, p 2.
[2] *Census of the Islands of Malta, Gozo, and Comino* (3-IV-1881), Malta 1882, Table 2.
[3] N(ational) A(rchives) M(alta), LGO Barton Vol IV (1878) No 554.
[4] Ibid LGO Barton Vol 13 (1878-79) No 1835.
[5] Ibid LGO Barton Vol 17 (1879) No 2517.
[6] Ibid LGO Barton Vol 22 (1879) No 3155.
[7] Ibid LGO Barton Vol 27 (1879) No 3902.

www.gozocathedral.org.mt

Fl-1870 din l-iskola kellha biss erba' għalliema: il-Kan. Dun Tumas Pace, għalliem tal-Latin, maħtur 1 ta' Settembru, 1851; Leopardo Pace, għalliem tat-Taljan, maħtur 16 Settembru, 1865; Dun Ġanpatist Cremona, għalliem ta' l-Algebra u l-Ġeometrija, maħtur fit-2 ta' Frar, 1856; u Lorenzo Bonello, maħtur fl-1 ta' Frar, 1867, li kien għalliem ta' l-Ingliż.[8]

L-imsemmi Kanonku Dun Tumas Pace DD irtira mis-servizz b'effett mid-29 ta' Frar 1872. Il-Kanonku Dun Pawl Pullicino, li kien Direttur ta' l-Iskejjel Primarji, kellu kliem kbir ta' tifħir għall-mod kif il-Kanonku Pace kien jaqdi dmirijietu u jgħin lil sħabu l-għalliema.[9] Is-suċċessur tiegħu kien Dun Ġużepp Farrugia.[10]

Is-sena ta' wara, fit-13 ta' Awwissu, 1873, din l-iskola tilfet għalliem ħabrieki ieħor bil-mewt tal-Kanonku Ġanpatist Cremona, wara marda qasira. Anki għalih il-Kanonku Pullicino kellu kliem ta' tifħir. Fil-fatt huwa sigur li bil-mewt tiegħu l-iskola tilfet "one of the most efficient and able teachers".[11]

Żewġ Skejjel Primarji

Fir-Rabat ta' Għawdex kien hemm ukoll żewġ skejjel primarji, waħda għas-subien u l-oħra għall-bniet. L-iskola tas-subien kienet immexxija mis-Sur Lorenzo Bonello li ġie maħtur kap ta' din l-iskola fl-1 ta' Diċembru 1858.[12] L-iskola tal-bniet kienet immexxija mis-Sinjorina Ludovina Gravagna li kienet ġiet maħtura kap ta' din l-iskola fl-1 ta' Frar 1867.[13] Iż-żewġ skejjel kellhom is-servizz ta' surmast tad-disinn li kien Clemente Bussottil.[14]

Mill-istatistika li ġiet f'idejna jidher li fl-aħħar tas-snin sebgħin, inqas minn terz tat-tfal subien u bniet tar-Rabat li kellhom bejn il-ħames u t-tnax-il sena kienu qegħdin jattendu dawn l-iskejjel kif juru dawn il-figuri:

Month & Year	*Children of School Age from 5 - 12*		*Average No on School Rolls*		*Average Attendance to Shcool*	
	Boys	*Girls*	*Boys*	*Girls*	*Boys*	*Girls*
June 1878	358	374	124	116	98	106[15]
December 1878	320	358	126	117	116	80[16]
March 1879	320	358	126	127	114	117[17]
June 1879	320	358	135	126	113	101[18]
September 1879	345	306	124	109	97	82[19]

[8] *Malta Blue Book* (1870), Malta 1871, M 130, 131.
[9] NAM, LGO Grant Vol 84 (1872) No 12541. Meta l-Kan. Pace irtira mis-servizz kellu 66 sena u 7 xhur.
[10] NAM, LGO Straubenzee Vol 20 (1873) No 2988.
[11] Ibid LGO Straubenzee Vol 19 (1873) No 2751.
[12] *Malta Blue Book* (1870), Malta 1871, M 128, 129.
[13] Ibid.
[14] Ibid.
[15] NAM, LGO Barton Vol 3 (1875) No 325.
[16] Ibid LGO Barton Vol 13 (1875) No 1835.
[17] Ibid LGO Barton Vol 17 (1879) No 2517.
[18] Ibid LGV Barton Vol 22 (1879) No 3155.
[19] Ibid LGV Barton Vol 27 (1879) No 3902.

Hawnhekk ta' min jghid li l-lista tal-ufficjali li kienu ta' bejn il-hames u t-tnax-il sena kienet issa mill-Ispettur inkarigat mill-korp tal-pulizija ta' Ghawdex.[20]

Il-Pulizija fir-Rabat

F'Ghawdex it-tmexxija tal-korp tal-pulizija kienet f'idejn Spettur. Fil-bidu tas-snin sebghin, l-ispettur inkarigat mill-korp tal-pulizija f'Ghawdex, kien is-Sur Felic Attard, li miet fis-16 ta' Ottubru 1874.[21] Wara mewtu t-tmexxija tal-pulizija f'Ghawdex ghaddiet f'idejn l-ispettur A. Calleja li qabel kien stazzjonat fil-Cottonera.[22]

Mic-censiment li sar fit-3 ta' Mejju 1871, nafu li kien hemm tmien membri tal-korp tal-pulizija stazzjonati fir-Rabat ta' Ghawdex.[23] Nafu li fl-1874 il-pulizija kellha ufficcju fir-Rabat, Ghawdex, li fih kien hemm l-Arkivji. Fuq dan il-bini fl-1874 kien qed isir xoghol ta' estensjoni bil-hsieb li jinbidel f'Arkivju tan-Nutara.[24]

Is-Servizz tat-Tabib tal-Gvern

Kien il-Gvernatur Sir Richard More O'Ferrall li fl-1848 estenda s-servizz tat-tobba tal-Gvern ma' l-ibliet u l-irhula kollha ta' Malta u Ghawdex. Dawn it-tobba kienu maghrufa bl-isem ta' "Medico di Polizia". Fl-1870, ir-Rabat, l-Gharb, iz-Zebbug, u ta' Sannat kellhom flimkien is-servizz tat-tabib Edward Sammut, li kien inhatar fl-1857.

F'Dicembru ta' l-1877, l-imsemmi tabib Sammut, li kellu 69 sena talab li jirtira mis-servizz, u t-talba tieghu giet milqugha.[25] Is-successur tieghu f'din il-kariga kien Dr Giuseppe Debono li gie mahtur b'effett mis-16 ta' Frar 1878.[26]

Ilma, Fanali, u t-Tindif u l-Hasil tat-Toroq

F'Memorandum, bid-data ta' l-4 ta' Awissu 1876, l-Avukat tal-Kuruna, Sir Adrian Dingli, jghidilna li l-provvista ta' l-ilma f'Ghawdex kienet zghira hafna, u li sa ftit snin qabel ma kien hemm l-ebda akwadott. Dingli jghidilna wkoll li l-akwadott li kien inbena minn dak iz-zmien 'l hawn kien sar biex iwassal l-ilma sar-Rabat; minn xi mixxighat li ma kinux 'il boghod. Izda dan l-akwadott kien jissupplixxi biss l-ilma lir-Rabat, u mhux fi kwantità kbira fi zmien in-nixfa. Dan juri li r-Rabat kien jiddependi fuq dan l-akwadott ghall-provvista ta' l-ilma.[27]

Fis-sena 1877, ittiehed pass biex titjieb il-provvista ta' l-ilma fir-Rabat. Fil-fatt fis-seduta tal-Kunsill tal-Gvern tal-21 ta' Frar, 1877, il-Kunsill ivvota s-somma ta' £2000, biex parti mill-foss tal-Gran Kastell jinbidel f'tank li jiehu 6,000 tunnellata ilma.[28]

[20] Ibid LGV Barton Vol 31 (1879) No 3134; Vol 31 (1879-80) No 4635.
[21] Ibid LGO Straubenzee Vol 38 (1874) No 5634.
[22] Is-Sur A. Calleja kien in-nannu ta' Dr. Censu Tabone President ta' Malta 1889-1994, u l-buznannu tas-Sur Anton Tabone l-iSpeaker tal-Parlament.
[23] *Census of the Civil Population of Malta* (3-V-1871), Malta 1872, p. 48.
[24] NAM LGO Straubenzee Vol 41 (1874) No 6025.
[25] Ibid LGO Straubenzee Vol 97 (1877-1878) No 14,442.
[26] M(alta) G(overnment) G(azette) (20-11-1878) p 43.
[27] NAM LGO Straubenzee Vol 72 (1876) No 10683.
[28] Ibid. LGO Straubenzee Vol 82 (1877) No 12,210. Insibu wkoll li fl-1878, il-Kunsill tal-Gvern ivvota s-somma ta' £1816.17s.0d ghal "Works of excavation in search of water at Gozo and construction of tanks in ditch at Gran Castello." Fuq dawn ix-xoghlijiet fl-1878 intefqet biss is-somma ta' £807.19s.6d mis-somma vvotata ta' £1008.17s.6. Ara NAM LGO Barton Vol 13 (1878) No 1808. Fis-Seduta tal-Kunsill tal-Gvern tad-29 ta' Jannar, 1879 il-Kunsill approva vot ghall-kostruzzjoni ta' tankijiet fil-foss tal-Gran Kastell. Ara NAM LGO Barton Vol 14 (1879) No 2008.

. . . imagination and beyond

TALISMAN + plus

4 / 6 ST URSULA STREET
VICTORIA, GOZO
TEL: 564071

An experience of new concepts
in interior Furnishings

TALISMAN

New Stock Just Arrived

We innovate ....others just imitate !

BONDI'S
Boutique

2, Republic Street, Victoria, Gozo

Tel 556029

Tamarisk Restaurant
And Pizzeria

VICTORIA GOZO

WE ARE OPEN ALL WEEK FOR LUNCH
& DINNER EXCEPT MONDAY EVENING

Tel: 551382 Mob: 097 3266
Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo

www.gozocathedral.org.mt

Iżda minbarra s-servizz ta' provvista ta' l-ilma, ir-Rabat kien ukoll l-uniku post f'Għawdex li kellu l-fanali li jinxtegħlu bi spejjeż tal-Gvern. Kien ukoll l-uniku post b'servizz ta' knis, tindif, u ħasil tat-toroq li kien ukoll jitħallas mill-Gvern. Għal dawn iż-żewġ servizzi Gvern kien kull sena joħroġ sejħa għall-offerti (tenders) u wara kienet issir l-għażla. Hekk insibu li Michele Vella ngħata l-appalt biex jixgħel il-fanali tar-Rabat għal sena: mill-1 ta' Diċembru, 1875 sat-30 ta' Novembru, 1876, bil-ħlas ta' £54.[29] Għas-sena mill-1 ta' Diċembru, 1879 sat-3- ta' Novembru, 1880, dan l-appalt ngħata lil Ġużeppi Scicluna bil-ħlas ta' £51.10s.[30]

Rigward il-knis, tindif u ħasil tat-toroq tar-Rabat insibu li Karlu Vassallo, ħa dan l-appalt darbtejn għall-perjodu mill-1 ta' Diċembru, 1873 sat-30 ta' Novembru, 1874 bil-ħlas ta' £28.10s u għall-perjodu 1 ta' Diċembru, 1874 sat-30 ta' Novembru, 1875, bil-ħlas ta' £35.[31]

[29] NAM LGO Straubenzee Vol 57 (1875) No 8545.
[30] Ibid LGO Barton Vol 29 (1879) No 4227.
[31] Ibid LGO Straubenzee Vol 23 (1873) No 3414. LGO Straubenzee Vol 40 (1874) No 5886.

Paradise

Travel and Property Services Limited
38, Saint Sabina Square, Victoria, VCT 104, Gozo, Malta.
Tel: 562025, 558918, Fax: 562026 Mob: 0949 6277

We offer:
• Special Prices to America, Canada, Australia • Organised Tours
• Honeymoon Specials • Special Holidays for 18-35 year old
• Car-hire • Taxi Service Motor & Travel Insurance • Cruises
• We are also Real Estate Agents • We help you sell or buy your next home.

Come to PARADISE - We Care

ĦAMSIN SENA MID-DOMMA TA' L-ASSUNTA

Nhar l-Erbgħa, l-1 ta' Novembru, 1950 — ħamsin sena ilu — il-Papa Piju XII, permezz tal-Bolla *Munificentissimus Deus* iddikjara t-Tlugħ ta' Marija fis-Sema bir-ruħ u l-ġisem bħala domma tal-fidi kattolika.

Ħamsin sena ilu saru festi kbar fil-Katidral u fid-djoċesi ta' Għawdex b'tifkira ta' dan l-avveniment importanti. Lejliet il-proklamazzjoni tad-domma, l-istatwa ta' Santa Marija tteħdet il-Banca Giuratale fit-Tokk fejn kienet esposta għall-qima tal-fidili. Ixtegħlu quddiemha ġeġwiġija kbira ta' xama'. Numru konsiderevoli ta' nies offrewlha rigali tal-fidda u tad-deheb. F'mijiet ta' twieqi tad-djar fir-Rabat u fl-irħula ddendlet xbiha stampata ta' l-Assunta

L-għada fil-għodu, il-Banda Leone u numru kbir ta' nies immarċjaw lejn il-Katidral fejn setgħu anki jisimgħu l-proklamazzjoni tal-Papa direttament minn Malta fuq loudspeaker ikkomunikat ma' radju li kien armat apposta fil-Katidral. Mal-proklamazzjoni l-qniepen tal-Katidral u tal-knejjes kollha ta' Għawdex infexxew f'mota ta' siegħa u inħarqet ukoll kaxxa infernali.

Wara nofsinhar sar pellegrinaġġ djoċesan minn Pjazza Savina għas-Santwarju Ta' Pinu. Fil-għaxija il-Banda Leone daqqet programm fil-Pjazza tat-Tokk, quddiem l-istatwa ta' Santa Marija, u. fl-istess ħin, il-Banda La Stella daqqet programm ieħor fi Pjazza San Franġisk. Maż-żewġ baned ħadu sehem ukoll il-korijiet.

Il-festi komplew nhar id-9 ta' Novembru meta l-istatwa ta' Santa Marija ittieħdet f'pelegrinaġġ minn Pjazza Savina għall-Oratorju Don Bosco fejn ittelgħet fuq il-palk armat dawramejt bl-anġli. L-għada pelegrinaġġi kbar minn Għawdex kollu ħonqu l-Oratorju Don Bosco u grupp wara l-ieħor irreċitaw ir-Ruħarju Mqaddes.

Is-Sibt, 11 ta' Novembru, saret akkademja Mużiko-Letterarja. L-Isqof Ġużeppi Pace fetaħ il-lejla bit-tberik ta' sett strumenti ġodda għall-Banda Leone. Indaqq l-Innu Pontifiċju u wara saret l-introduzzjoni mis-Sur Ġuħi Tabone, viċi-president tal-Banda. Monsinjur Mikiel Cefai, l-Arċipriet tal-Katidral, tkellem dwar *L-Assunta fil-qalb ta' l-insara*. Id-diskors ewlieni kien dak li sar bit-Taljan minn Dr Anton Tabone, il-Prinċipal: *Gozo, l'isola dell'Assunta ai riflessi del Domma*, diskors li ħajt ilu ksibt kopja tiegħu mingħand ibnu, Mr Speaker Anton Tabone. Id-diskors imqanqal ta' Tabone kien milqugħ b'applawsi kbar. Sar diskors bl-Ingliż mill-Kommendatur Edgar G. Montanaro, Kummissarju għal Għawdex: *Our Lady's Dormitio in tradition and literature*, u ieħor mill-Patri Dumnikan Alan Fenech, *Id-Domma ta' l-Assunta*. L-Isqof Pace għamel id-diskors ta' l-għeluq.

Bejn kull diskors u ieħor il-Banda Leone daqqet bċejjeċ operistiċi Marjani u fit-tmien l-innu majestuż *A Maria Assunta* ta' Orlando Crescimanno.

Hemm programmat li l-Katidral u l-Banda Leone jfakkru dan l-avveniment fl-1 ta' Novembru, 2000.

Fl-ewwel ritratt tidher il-mġemgħa mmexxija mill-Isqof Ġużeppi Pace. Jidher ukoll il-Kummissarju għal Għawdex, l-Arċipriet tal-Katidral u Ġużeppi Azzopardi, president tal-Banda Leone. Fit-tieni ritratt jidher Dr Anton Tabone waqt id-diskors ewlieni. (Ħajr għal dawn ir-ritratti lil Mr Speaker Anton Tabone).

CITADEL VIDEO
COMMUNICATIONS
Still Photography, Radio & Television Productions
The best caterers for sights and sounds of Gozo
You Name it... We Do it... From Weddings & Family Occasions to International Productions
The only Gozo based facility catering for
Domestic and Professional VHS, Super VHS & Hi8 Video
By The Bastion Road, Victoria Gozo MALTA
Tel/Fax: (356) 551 936 - E-Mail: cvc@orbit.net.mt

Borma Bħal Dari

Fashion
2000
The ideal shop for casual - elegant wear for Ladies
Hats for Hire.

IX-XORTI TAR-RUMANZ ISOLDA TA' DUN ALWIĠ VELLA

Kitba ta' Victor J. Galea

Fi żmien il-Papa Pawlu VI (1963-1978), Aldo Farini ħareġ Ruma żewġ kotba ta' rakkonti li hu semmiehom *Racconti Maltesi*. L-ewwel volum sejjaħ semmieh *Rakkonti Għawdxin*, għax fih hemm erba' rakkonti Għawdxin meħudin minn fuq tlieta mir-rumanzi storiċi ta' Dun Alwiġ Vella (1859-1928), Niku jiġifieri *Nikol Għabdul* (1908), *Isolda* (1902) u *Bernard Dopuò* (1898) u r-rumanz storiku ta' Dun Ġużepp Farrugia Gioioso Marija *Plasmun*, li ħareġ fl-1908 fis-sensiela Mogħdija taż-Żmien (1899-1915) ta' Fonzu Marija Galea. It-tieni volum fih tassew rakkonti Maltin għax meħud minn tliet rumanzi storiċi ta' Ġuże' Muscat Azzopardi (1853-1923), jiġifieri *Susanna* (1883), *Ċejlu Tonna* (1886) u *Pawlu Xara* (1879).

Ħrejjef, Leġġendi u Tradizzjonijiet Maltin

Aldo Farini kien il-psewdonimu tal-prof. Arnaldo Fabriani li qabel il-gwerra tal-1939-1945 kien jgħallem it-Taljan Malta. F'dak iż-żmien kien ħareġ serje ta' kotba tal-qari bit-Taljan għall-istudenti tal-Liceo, jisimha *Fior del Mondo*. Kien ħareġ ukoll tliet volumi ta' Ħrejjef, Leġġendi u Tradizzjonijiet Maltin maħsuba wkoll biex jaqraw mill-istudenti. L-istampi kien pinġiehom Willie Apap meta kien għadu tifel. Dawn it-tliet volumi issa qalibhom għall-Malti Ġużè Chetcuti.

Il-gwaj dwar ir-rumanz *Isolda*, li Aldo Farini semmiha Guevara-Alagona mill-kunjom taż-żewġ familji l-protagonisti tar-rumanz, hu li ħlok qal li addattah mir-rakkont ta' Dun Alwiġ Vella qal li ħadu mir-rumanz *Il-Konti Alagona* ta' Tonin Muscat Fenech (1857-1910), mill-edizzjoni ta' l-istamperija San Paolo tal-Belt Valletta li ħarġet fl-1923. Dan ir-rakkont kien deher biċċa biċċa fil-Ħabbar Malti, fejn Muscat Fenech kien membru tal-bord editorjali. Bi żball ieħor Aldo Farini qal il-ktieb kien jismu *Il-Kontijiet Alagona*.

Imma min jaqra r-rumanz *Il-Konti Alagona* u jqabblu mal-verżjoni bit-Taljan ta' Aldo Farini għandu jintebaħ mill-ewwel li din ma għandha x'taqsam xejn miegħu. Meta mbagħad tqabbilha mar-rumanz *Isolda* ssib li l-istorja taqbel f'kollox. Kulma hemm fiż-żewġ rumanzi li fih jaqblu hu l-kunjom Alagona biss. Fir-rumanz ta' Muscat Fenech nil-taqgħu mal-konti Baskħeċju u ommu l-kuntissa Gulja filwaqt li fir-rumanz *Isolda* l-Konti kien jismu Blasju u ommu Amata. Mill-bqija hemm żewġ stejjer diversi għal kollox.

Isolda

Ir-rumanz *Isolda, inkella mħabba ta' bint. rakkont ta' żmien is-Sultan Veridala* (1582-1595), Dun Alwiġ Vella kien beda joħorġu biċċa biċċa f'*Il-ħabib tal-Poplu* fl-1892 imma billi dan waqaf kellu jistenna sa l-1902 biex ħarġu fi ktieb għand Salvu Grech, stampatur, librar u legatur li kellu l-istamperija r-Rabat fi Strada Karità. Din l-istamperija wieħed għadu jista' jaraha l-Mużew tal-Folklor, iċ-Ċittadella.

Meta ħareġ ir-rumanz *Isolda*, Dun Alwiġ Vella kien diġà ħareġ żewġ rakkonti Għawdxin oħra, jiġifieri, *Fernandu Montanies* u *Bernard Dopuò*. Wara kiteb tnejn oħra, jiġifieri, *Nikol Għabdul* u *Bint il-Makent* li ħariġhom Fonzu Marija Galea fil-Ġabra ta' Kotba ta' *Mogħdija taż-Żmien* (1899-1915). Oħroġ il-għaġeb min irid jaqra r-rumanz *Isolda* wkoll jista' jsibu llegat mal-kotba ta' din is-serje fil-bibljoteka tal-Vajringa, ir-Rabat.

Ir-rumanz *Isolda* jittratta fuq ir-rivalità akkanita li kien hemm bejn żewġ nobbli Għawdxin, il-konti Alagon u l-konti de Guevara. De Guevara spiċċa teħlief u kellu jibdel sa kunjomu. Alagona ħadlu l-palazz li kellu fuq it-Tomba ħdejn Santu Wistin u Isolda, it-tifla ta' Guevara sabet ruħha sefiura ma' ta' Alagona. Wara ħafna intriċċi, kemm Għawdex u kemm Malta u barra minn Malta, Isolda u ħuha Edmondu spiċċaw biex iżżewġu lil ulied il-konti Alagona Blasju u Elena u b'hekk għaqqdu ż-żewġ familji flimkien.

www.gozocathedral.org.mt

Il-misteru ta' Patri Bartilmew Bonavia

Fir-rumanz Isolda lili laqtuni żewġ noti. Waħda minnhom hi fuq il-patri Bartilmew Bonavia. Dal-patri ta' Santu Wistin minn Buhaqra fl-1551 deniluh mis-sur għal isfel biex f'isem il-gvernatur t'Għawdex jiftiehem mal-Baxa Sinan u r-Rajjes Dragut halli jerħilhom l-Belt t'Għawdex f'idejhom. B'hekk imexxielu jeħles mill-jasar flimkien ma' mara b'binha. Anton Buttigieg f'*L-Assedju ta' Għawdex* jgħid li kienet mara tqila mwassla fl-aħħar, aktarx fuq dak li qallu Ġanni Bezzina.

Issa Dun Alwiġ Vella jġibu għadu ħaj fi żmien is-Sultan Verdala (1582-1595) meta l-pirjol ta' Santu Wistin kien patri Pawlu Bajada. Dan ifisser li l-awtur ma kienx jaf li l-patri Bonavia kien miet fl-1553 sentejn wara l-ġrajja ta' l-1551. Naħseb xi kittieba li meżmżu meta saru jafu li nħeles ma mara b'binha kienu jaħsbuha darbtejn kieku kienu jafu li l-patri Bonavia kien miet fl-1553 u għalhekk kien xih magħmul fl-1551. Jekk inhu minnu li t-Torok ħelsuha għax kienet imwassla nett meta dan ma kienx ħlief att ta' mogħdrija u xejn aktar.

Iċ-Ċimiterju tal-Matriċi

Nota oħra li Dun Alwiġ ħa minn fuq dak li kiteb il-patri kapuċċin Pelaġju Mifsud tgħid li fiċ-ċimiterju tal-Matriċi li dari kien hemm fejn Santu Wistin wieħed kien isib max-il kappella. Billi Dun Franġisk Agius meta kiteb fuq dan iċ-ċimiterju nizzel li kien hemm għaxra biss, biex naqta' ż-żarda rajt il-Viżta pastorali ta' żmien is-Sultan Verdala u fiha sibt erbatax-il kappella.

Għalhekk se nġib lil min kienu ddedikati dawn l-erbatax-il kappella u se nġibhom waħda wara l-oħra kif sibthom fir-rapport tal-viżta billi naħseb li dan juri bejn wieħed u ieħor il-post fejn kienu kif ukoll liema minnhom kienet waħda ħdejn l-oħra. Irrid ingħid li għalkemm Dun Franġisk Agius hu u jitkellem fuq iċ-ċimiterju l-qadim ta' fejn Santu Wistin jagħti biss għaxra minn dawn il-kappelli, band'oħra fil-ktieb isemmi oħrajn. Il-kappella tal-Madonna tas-Silġ isemmiha ma' ħamsa u għoxrin oħra li d-dħul tagħhom mar għall-prebenda tal-kanonkat tal-knejjes tal-kampanja. Il-kappelli ta' Sant' Indrija, tal-Kunċizzjoni ta' Santa Margerita, ta' San Pietru u ta' San Xmun u Ġuda isemmihom mal-lista tal-knejjes magħluqin.

Il-knisja ta' San Bartilmew, Dun Franġisk Agius isemmiha darbtejn, jiġifieri kemm ma' dawk taċ-ċimiterju u kemm mal-magħluqa. Li ma nsemmix fil-lista li se nagħti hi l-knisja tal-Madonna tal-Ħniena jew tal-Pjetà li hi dik tad-Duluri li damet wieqfa s-snin ma' ta' San Ġwann l-Evangelista u hawn min għadu jiftakarha. Din setgħet kienet jew tal-Kunċizzjoni jew tas-Silġ li nbniet mill-ġdid b'titular ġdid. Knisja oħra li m'hix fil-lista hi ta' Santa Katerina. Dan ifisser li fl-1599 kienet waqgħet jew qiegħda biex.

Il-knejjes taċ-ċimiterju tal-Matriċi tal-Viżta ta' l-1592 huma dawn: ta' San Pietru, ta' Sant' Indrija, ta' San Ġwann l-Evanġelista, ta' San Bartilmew li kienet tmiss ma' Santu Wistin, ta' Sant' Anton Abbati, tal-Kunċizzjoni li kienet tmiss ukoll ma' Santu Wistin, ta' San Blas, ta' San Mikiel, ta' Santa Margerita ħdejn dik ta' San Mikiel, ta' San Pawl, ta' San Xmun, ta' San Nikola li kienet tmiss ma' ta' San Xmun u tal-Madonna tas-Silġ, li kienet tmiss ma' ta' San Nikola.

Meta tqis li f'ċimiterju ta' dak id-daqs daħlu mill-inqas ħmistax-il kappella ta' dak u ta' l-ieħor, wieħed malajr jifhem għaliex mill-1494 'il quddiem xi sinjuri Għawdxin li xtaqu kappella għalihom fejn jindifnu u fejn isirilhom il-quddies wara mewthom bdew itellgħu dawn il-kappelli mal-Matriċi ta' Santa Marija.

TROVARSI

THE BOUTIQUE FOR ALL THE FAMILY

Market Street, Victoria,
Gozo, Malta. Tel: 555834

For Best Quality Fresh & Frozen Meats
Stop & Shop at:

Car Park Butcher

VELLA
SERVICE
STATION

For Exclusive Elegant Wear

Beaver
The Fashion Place

TIFSIRA TA' L-IKONA TA' ASSUNTA

Dun Gerard Buhagiar S.Th.D., Dip.Lit., Dip.Arch

Daħla

Il-kelma *ikona* tfisser xbieha, li ta' spiss kienet tiġi mpittra fuq l-injam, billi din hija materja li maż-żmien tispiċċa. Hija sempliċi xbieha u m'hix ir-realtà, iżda tkellimna dwar dak li huwa veru u dwar dak li ma jispiċċax. L-għan ewlieni ta' kull ikona huwa li permezz tal-figuri u tal-kuluri twassal il-messaġġ ta' Alla. San Ġwann Damaxxenu jħobb isejjaħ l-ikona bħala *l-Vanġelu mpitter*. Anzi l-ewwel messaġġ li twasslilna huwa proprju dan: il-bniedem huwa maħluq xbieha ta' Alla, jeħtieġ għalhekk li jżomm ħajja fih din ix-xbieha ta' Alla.[1] L-ikona taf il-bidu tagħha fil-Knisja tal-Lvant, għandha postha fil-Liturġija u hija mibnija fuq l-Iskrittura Mqaddsa u t-twemmin (domma) tal-Knisja. Tant hija sagra l-ikona, li spiss kienet tiġi mpittra minn patrijiet eremiti u dan wara li huma jkunu għamlu żmien twil ta' sawm, talb u riflessjoni fuq il-misteru li ser ipittru.

Kull festa li n-nisrani jiċċelebra, trid twasslu biex jersaq aktar lejn Alla u biex jifhem aktar l-imħabba ta' Alla lejh. Tnax huma l-festi Liturġiċi ewlenin tal-Knisja tal-Lvant u kull festa għandha l-ikona tagħha. L-aħħar festa liturġika li biha l-Knisja tal-Lvant tagħlaq is-sena liturġika hija dik ta' l-Assunta. Dan tagħmlu biex turi lill-fidili l-iskop li għalih il-bniedem jeħtieġ li jaħdem huwa s-Sema. F'dawn il-ftit paġni sejrin infissru din l-ikona, li proprjament hija msejħa: **L-Ikona tar-Raqda ta' l-Omm t'Alla.** B'hekk waqt li nitgħallmu aktar dwar l-Omm tagħna tas-sema, tkompli tikber fina l-imħabba tagħna lejn Alla u l-fidi tagħna lejh tkun dejjem aktar shiha.

Il-Bidu tal-festa

"B'liema kliem nista' nfisser il-misteru tiegħek?... misteru li m'hux tas-soltu, misteru kbir li jisboq il-ħsibijiet tagħna. Ma nista' nsib xejn li jixbhu biex nuri dak li ġara, huma ħwejjeġ ogħla minna... Kien infatti l-ħlas tiegħek li biddel l-ordni tan-natura: fejn qatt smajna fi

verġni tnissel mingħajr ma tagħraf raġel? Dik li saret omm tibqa' verġni, għaliex kien Alla nnifsu dak li ġie mnissel. Hekk ukoll ir-raqda tal-ħajja tiegħek kellha tkun differenti mill-oħrajn, inti biss kellek id-dritt li tiġi mżejna bil-glorja fir-ruħ u fil-ġisem".[2] Dan il-kliem meħud mill-omelija ta' San Teodoru juri l-importanza li għandha l-festa tat-tlugħ fis-sema tal-Verġni Marija.

Din il-festa li taf il-bidu tagħha fil-Knisja tal-Lvant, x'aktarx fis-seklu VI, sa minn dejjem kienet tiġi ċċelebrata fil-15 ta' Awissu.[3] Fost l-insara tal-lvant din il-festa hija msejħa l-festa tad-*Dormitio* ta' Marija, li tfisser ir-raqda ta' Marija. Hija meqjusa bħala l-akbar festa tal-Madonna u dan jidher mill-fatt li x-xahar ta' Awissu huwa miżmum bħala x-xahar Marjan. Barra minn dan, il-festa bħal dik ta' l-Għid il-Kbir għandha l-Velja tagħha, u l-ġranet ta' bejn l-1 u l-14 ta' Awissu huma meqjusa bħala jiem ta' sawm. Il-festa ma tispiċċax mal-15 ta' Awissu iżda tibqa' sejra sat-23 tax-xahar. L-innijiet u t-talb li nsibu fil-liturġija ta' din il-festa huma kollha ta' kittieba kbar tal-Knisja tal-Lvant, bħalma huma Ġermanu ta' Kostantinopli (†733), Indrija ta' Kreta (†740) u fuq kollox San Ġwann Damaxxenu (†749).

PULENA

Bar & Restaurant

Specializing in

Fresh Fish, Pasta & Pizza

Marina Street (Il-Menqa), Marsalforn, Gozo. Tel: 559777

J. & J. Zammit Supplies Ltd.

Wholesalers for Fresh Fruits and Vegetables

by the Bastion Road, Victoria, Gozo.
Tel: 560795, Mobile: 099 4670

www.gozocathedral.org.mt

Tifsira ta' l-Ikona

Meta nħarsu sewwa lejn l-ikona nistgħu ngħidu li l-ikona hija maqsuma fi tliet partijiet. **L-ewwel parti** hija l-parti t'isfel fejn jidher il-ġisem mejjet tal-Verġni Marija, imdawwar bl-Appostli flimkien ma' xi Isqfijiet u xi nisa oħra. **Fil-parti tan-nofs,** jidher Kristu jħaddan tarbija, waqt li **fil-parti ta' fuq** jidhru l-anġli li f'dijadema f'idejhom qed iżommu lill-Verġni Marija. Dak li qed naraw impitter ma jfissirx li dan kollu ġara storikament fil-jum tal-mewt tal-Verġni Marija. Ma ninsewx dak li ġa għidna, li l-ikona hija meditazzjoni fuq il-misteru tal-fidi, għalhekk hija tisboq il-liġijiet naturali, storiċi u kronoloġiċi u twassalna biex ningħaqdu ma' Alla. Mela dak li naraw impitter jeħtieġ li narawh bl-għajnejn tal-fidi, għaliex qed jurina liema huwa t-twemmin tal-Knisja fil-misteru li qed tiċċelebra.[4]

L'Omm t'Alla:

Billi fil-Vanġeli ma nsibu xejn dwar it-tmiem tal-ħajja ta' Marija, din l-ikona meta tiġi biex tirrakkonta l-mewt ta' Marija, tibni xi ftit fuq dak li nsibu miktub fir-rakkonti tal-kotba Apokrifi.[5] Il-Verġni Marija tidher mejta mimduda fuq sodda mdawra bl-appostli. Skond l-apokrifi, l-Appostli kienu mxerrdin mad-dinja kollha jxandru l-Bxara t-Tajba lill-ġnus kollha kif ordnalhom Ġesu'. Ġara li meta Marija waslet biex tħalli d-dinja huma ġew immebbha b'dan u b'mod mirakoluż sabu ruħhom f'Ġerusalem qrib il-Verġni Marija. Il-kotba apokrifi jagħtuna l-aħħar taħdita ta' Marija ma' l-Appostli. Hawn Marija tinfexx f'innu ta' tifħir lil Kristu u tgħid: *"Infaħħrek, għaliex inti tbierek lil kulħadd. Inbierek l-għamara glorjuża tiegħek. Inbierkek għaliex inti tagħti d-dawl u tgħammar f'gufi. Inbierek l-opri kollha ta' idejk li jobduk f'kollox. Inbierkek, għaliex inti tbierek lilna. Inbierek il-kliem ta' fommok, kliem li jagħti l-ħajja u gie mogħti lilna. Inti kont wegħidni li meta ħajti tkun waslet fl-aħħar, tiġbor ma' ġenbi l-appostli tiegħek. Hawn huma, u jiena ninsab f'nofshom bħal dielja għammiela, bħalma kont dejjem miegħek. Inbierkek b'kull barka. Iva għandek wegħda oħra, kont tgħidli li meta noħroġ minn ġismi, jiena narak".*[6] Meta spiċċat din it-talba ta' tifħir, sejħet lil Pietru u lill-appostli l-oħra u wriethom il-ħwejjeġ kollha meħtieġa għall-funeral tagħha. Għalhekk minnufih l-appostli, kollha mnikkta qalulha: *"Ibqa' magħna, avukata tagħna, faraġ tagħna fuq l-art, la tħalliniex orfni, inti li inti Ommna, lilna li ninsabu fil-periklu minħabba Ibnek. Agħmel li fik nistgħu nsibu s-serħan wara t-taħbit tal-ġurnata. Jekk inti trid, tista' tibqa' magħna, iżda jekk trid tmur ma nżommukx. Jekk inti tmur, o tabernaklu ta' Alla, agħmel li aħna wkoll niġu miegħek, li minħabba f'Ibnek sirna l-poplu tiegħek. Inti biss il-faraġ tagħna fuq din l-art. Ferħanin ngħixu miegħek, jekk inti tgħix, jekk inti tmut ħa mmutu miegħek! Le, imma aħna x'aħna ngħidu "jekk tmut"? Għalik anki l-mewt hija ħajja, anzi hija ħajja aqwa, li tisboq kull xebh ma' din il-ħajja; iżda aħna kif nistgħu ngħixu mingħajrek?"* ....

Ma nistgħux inkunu ċerti jekk dan hux tassew il-kliem li qalet il-Madonna, iżda żgur li fil-ħsieb, dan il-kliem huwa qrib ħafna ta' dak li nsibu fil-Vanġelu ta' Luqa, meta Marija tfaħħar lil Alla u tgħid: *"Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi" (Lq 1,46).* Jekk ħajjitha kienet waħda ta' tifħir lil Alla, kemm aktar issa fl-aħħar hinijiet Marija tfaħħar lil Alla. Hawn hija l-ewwel tagħlima, toħroġ minn din l-ikona, ħajjitna

Għall-ewwel darba
fl-istorja ta' knisja f'Malta u Għawdex

THE GOZO CATHEDRAL
and the
CATHEDRAL MUSEUM
an interactive multimedia
history and guide
CD-ROM

għall-Komputer
IBM and compatibles
mill-Kumpanija BWS New Media

- l-isbaħ rigal li tista' tagħti lill-uliedek
għal-kompjuter f'kull okkażjoni

- l-isbaħ rigal li tista' tibgħat
lil qrabatek jew ħbiebek imsefrin

vjaġġ virtwali fuq il-kompjuter
fil-Katidral ta' Għawdex u fil-Mużew tal-Katidral
inkluż ukoll film fuq il-purċissjoni ta' Santa Marija.

Għal bejgħ mill-Uffiċċju Parrokkjali - Lm 5

www.gozocathedral.org.mt

jehtieġ li tkun bħal dik ta' Ommna Marija, hajja ta' tifhir lil Alla u bħalha nistgħu nistqarru li: *"is-Sidi għamel miegħi ħwejjeġ kbar"*.[7]

Il-Knisja Bizantina fil-liturġija tagħha quddiem Marija li tinsab mimduda fuq is-sodda tal-mewt, turi l-fidi tagħha billi tkanta: *"O Omm Alla, sirt Omm u bqajt vergni u fir-raqda tiegħek ma ħallejtx id-dinja, iżda ġejt meħuda lejn il-Ħajja għaliex inti omm il-Ħajja, bit-talb tiegħek ehles lil ruħna mill-mewt"*.[8]

l-Appostli

l-Appostli jidhru madwar is-sodda tal-Vergni Marija, waqt li fit-truf jidhru San Pietru u San Pawl, u lkoll jinsabu f'qagħda ta' qima lejn il-Vergni Marija u jgħidulha, *"Is-Sliem għalik, Omm il-Ħajja"*, waqt li San Pawl jistqarr: *"anki jekk ma kellix nara lil Ibnek f'din il-ħajja, meta nħares lejk nilmaħ lilu"*.[9] Interessanti hija l-pożizzjoni ta' l-appostli, flimkien ma' Pietru u Pawlu li jinsabu fuq quddiem. Ta' min jinnota li dawn qed jiffurmaw bħal dgħajsa. Pietru u Pawlu huma l-poppa u l-pruwa ta' din id-dgħajsa waqt li l-arblu principali li jmexxi d-dgħajsa huwa Kristu (ara fig 3). Niftakru li l-appostli kienu sajjieda u kien Ġesu' li sejħilhom u qalilhom: *"Ejjew warajja, u nagħmilkom sajjieda tal-bnedmin"*[10] u wara s-sajda mirakoluża Ġesu' resaq fuq Pietru u qallu: *"Tibżax, minn issa 'l quddiem tkun taqbad in-nies"*.[11] Fil-Vangeli u fil-kitba ta' Missirijiet il-Knisja, naraw li l-Knisja dejjem hija mxebbha ma' dgħajsa li tinsab miexja lejn il-port tas-salvazzjoni, dgħajsa li spiss f'din id-dinja qed tħabbat wiċċha ma' għadd ta' tempesti. Iżda minkejja kollox, din tibqa' miexja u m'hix ser tegħreq għaliex fuqha hemm Kristu li qiegħed imexxiha. Ġrajja li nsibu fil-Vangeli u li tfisser dan kollu hija l-ġrajja ta' meta Kristu sikket it-tempesta waqt li huwa kien fuq id-dgħajsa flimkien mad-dixxipli.[12]

Mela f'din l-ikona għandna dehra tal-Knisja. It-tnax-il Appostlu li tferrxu mad-dinja kollha xandru l-Vangelu ta' Kristu qed jirrapreżentaw lil dawk kollha li emmnu fi Kristu u qed jimxu fuq kelmtu u fuq it-tagħlim ta' l-Appostli. Bħalma għamlet il-Vergni Marija, li wasjaħ lilha nfisha bħala *"il-qaddejja tal-Mulej"*.[13] Il-ħajja tan-nisrani m'hix ħajja li ser twassal għat-telfien, iżda hija mixja lejn il-port tas-salvazzjoni, mixja lejn il-ġenna. Żgur li naslu jekk inħallu lil Kristu jkun il-mexxej tagħna.

Ilkoll nafu li minħabba d-diżubbidjenza ta' Eva li daħħlet il-mewt u billi Marija bħalna hija wkoll bint Adam, hija kellha tgħaddi minn din l-esperjenza tal-mewt. Iżda nafu wkoll li kienet l-ubbidjenza ta' Marija, Eva l-ġdida li tatna l-Awtur tal-Ħajja. Għalhekk il-mewt għan-nisrani hija bħal raqda u mhux tmiem ta' kollox. Dan kollu huwa mfisser fi frazi tal-liturġija bizantina fl-Għasar tal-festa: *"X'għaġeb kbir! Il-għajn tal-ħajja tinsab midfuna f'qabar, qabar li nbidel f'sellum lejn is-sema"*.[14]

Square Cellar

WINE & SPIRITS

26 St. George's Square,

For ... shopping
... and value
... Groceries
shop at

St. Mary

Pope John Paul II Street, Victoria, Gozo.
Tel: 551825

L-Isqfijiet

Wara l-Appostli jidhru xi Isqfijiet, fl-ikona li qed infissru. Li hija ikona tas-seklu XV, jidhru żewġ Isqfijiet, waqt li f'oħrajn jidhru erbgħa. Il-preżenza ta' dawn l-isqfijiet fl-ikona ma' jfissirx li huma kienu preżenti fil-mewt tal-Verġni Marija, iżda qegħdin hemm biex ifakkruna li t-tagħlim tal-Knisja huwa mibni fuq dak ta' l-Appostli. Il-Knisja, kif ngħidu fil-Kredu hija Apostolika, u hija biss għandha l-missjoni li xxandar l-Vanġelu. Infatti l-isqfijiet f'idejhom qed iżommu l-kotba tal-Vanġelu. Skond xi studjużi tat-tifsira ta' l-ikona, l-isqfijiet huma: Dioniġju, Iroteo, Timotju u Indrija ta' Kreta jew Ġermanu ta' Kostantinopoli li baqgħu jissemmew għall-omeliji u innijiet li għamlu dwar din il-festa.

Kristu:

Wara l-ġisem tal-Verġni Marija, jidher Kristu Rxuxtat. Jekk niflu tajjeb l-ikona Kristu jinsab fiċ-ċentru u kollox jiffurma bħal ċirku madwaru. Dan għaliex Kristu huwa l-qofol ta' kollox, Marija hija l-mimlija bil-grazzja għaliex ħajjitha kienet kollha kemm hi bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu. Marija hija bħal dik il-fergħa li tinsab magħquda mad-Dielja li huwa Kristu, u għalhekk għamlet ħafna frott: *"Ibqgħu fija, u jiena nibqa' fikom. Kif il-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha nfisha jekk ma tibqax mad-dielja, hekk anqas intom jekk ma tibqgħux fija. Jiena d-dielja, intom il-friegħi".*[15] Il-glorja ta' Marija hija frott il-għaqda tagħha ma' Kristu. Hekk ukoll jeħtieġ li tkun il-ħajja tagħna, ħajja li fiha Kristu għandu l-ewwel post.

Il-kotba Apokrifi jgħidulna li madwar it-tielet siegħa l-Verġni Marija qalet: *"Ibni u Iben t'Alla, ilqa' l-ispirtu tiegħi"*

F'daqqa waħda nstemgħet ragħda qawwija u għad-dehra ta' Kristu mdawwar bil-qawwiet ta' l-angli, il-kamra mtliet kollha kemm hi fwieħa. Il-Vergni Mbierka malli lemħet lil binha Ġesu' sellmitlu u qaltlu: *"Inbierkek, għaliex miegħi wettaqt dak li kont wegħidtni. Jiena fqajra, u min jien biex nirċievi tant glorja! F'idejk, għażiż ibni, nerħi l-ispirtu tiegħi. Ilqa' lil ruħi tant għażiża għalik li ħaristha minn kull tebgħa. F'idejk, u mhux lill-art jiena nerħi l-ġisem tiegħi. Ħares dan il-ġisem li fih inti ġejt tgħammar u li bit-twelid tiegħek żammejtu verġni. Ħudni ħdejk, u hekk fejn inti tinsab, zokk li nibet minn ġufi, hemm inkun jiena wkoll u miegħek ngħammar. Inħossni ninġibed lejk li nżilt għalija u b'hekk kissirt kull distanza".* Għalkemm ma nistgħux ngħidu li dawn huma l-kelmiet preċiżi tal-Verġni jidher ċar kif min kiteb din is-silta kellu quddiemu dak li nsibu fil-Vanġelu dwar it-tmiem tal-ħajja ta' Ġesu' u hekk ixebbaħ it-tmiem tal-ħajja ta' Marija ma' dik ta' binha. Ġesu' jerħi ruħu f'idejn il-Missier, Marija terħi ruħha f'idejn Binha. Barra dan, l-awtur apokrifu jurina liema kien it-twemmin ta' l-ewwel insara dwar it-tmiem tal-ħajja ta' Marija. Hija tinsab fil-glorja tas-sema u ġisimha ma sofriex taħsir għaliex hija tat il-ħajja lil Kristu u baqgħet verġni.

Kristu glorjuż imdawwar bl-anġli, jidher iżomm f'idejh tarbija liebsa libsa bajda. Din it-tarbija hija r-ruħ tal-Vergni Mbierka. Hawn tidher is-safa ta' Marija u li trid tfakkarna fis-sbuħija tar-ruħ tagħna, dik is-sbuħija li rċivejna fil-jum tal-magħmudija. Fil-magħmudija, il-Knisja tatna libsa bajda, u libbsitna lil Kristu. Jekk

"Everything under one roof"

Just MAMAS'

THE SHOP FOR MOTHERS TO BE,

CHILDREN AND BABIES.

www.gozocathedral.org.mt

omm naturali tagħna taina l-ħajja, il-Knisja ommna welliditna fi Kristu, u ser ikun ommna li sejjer idaħħalna (iwellidna) għall-ħajja ta' dejjem, ħajja mingħajr tmiem. Jeħtieġ għalhekk li ħajjitna tkun xhieda ħajja li aħna Kristjani, jiġifieri ma' nibqgħux nuru li aħna ta' Kristu u nimxu fuq kelmtu.

Kull meta nħarsu lejn xi xbieha tal-Madonna dejjem narawha żżomm f'idejha lit-tarbija Ġesu' u dan bir-raġun kollu għaliex hija ommu. F'din l-ikona għandna bil-maqlub, huwa Kristu li jidher iħaddan lill-Verġni Marija qisha tarbija. Hawn jidher misteru kbir ieħor: Marija hija l-Omm t'Alla, hija Omm il-Ħallieq, hija bint Binha! Kienet Marija li tat il-ħajja ta' bniedem lil Kristu, b'hekk Kristu sar jixbah lilna f'kollox, minbarra fid-dnub, iżda issa huwa Kristu li jmur jagħti lil ommu l-ħajja divina, ħajja ta' Alla u b'hekk nistgħu ngħidu li issa sirna *"bħal Alla"* għax sirna eterni u ħajjitna hija bla tmiem.

Fl-ikona, Marija qed tkun xbieha ta' kull bniedem. M'hix aktar il-ħlejqa li qed tħaddan lill-Ħallieq, l-Iben ta' Alla, iżda huwa Kristu li qed iħaddan f'idejh lill-bniedem, lin-nagħġa l-mitlufa, il-ġawhra mitlufa. Il-bniedem permezz tad-dnub ħammeġ ix-xbieha tiegħu, hu li ġie maħluq fuq xbieha ta' Alla, ġarrab il-mewt. Issa huwa Kristu li jerġa' jressaqna nodfa mid-dnub lejn Alla. Il-Ħajja Eterna hija don ta' Alla lill-bniedem u hawn tidher l-imħabba bla tarf li Alla l-Missier għandu lejna.

Marija tama tagħna:

Fil-parti ta' fuq ta' l-ikona tidher il-Verġni Marija li qegħda tiġi mdaħħla fis-sema. Marija hija Ġerusalemm terrestri, għaliex fiha għammar Kristu l-Iben t'Alla, u issa qed tiġi mdaħħla f'Ġerusalemm tas-sema f'għamara ta' Alla. Marija nisslet fi ħdanha il-primoġenitu u l-uniġenitu tal-Missier, issa tidħol fil-belt ta' Alla u tingħaqad ma' wliedu. Naqraw fl-ittra lil-Lhud: *"Imma intom ersaqtu lejn il-muntanja ta' Sion u*

lejn il-belt ta' Alla l-ħaj, li hi Ġerusalemm tas-sema; ersaqtu lejn eluf ta' anġli f'ġemgħa ferrieħa; lejn il-ġemgħa ta' wlied ewlenin li isimhom hu miktub fis-sema."[16] L-arka ħajja u spiritwali tal-Mulej ġiet merfugħa mill-anġli u mdaħħla fil-mistrieħ ta' Alla. Waqt li fis-Salm 132 insibu: *"Qum u ejja, Mulej, lejn il-mistrieħ tiegħek, int u l-arka tal-qawwa tiegħek"*[17]

Fil-ġnien tal-Għeden, il-bniedem sab il-kundanna tiegħu u sema' jidwu f'widnejh il-kelmiet: *"Għax trab int, u fit-trab terġa' tmur"*[18], f'Marija l-ġnien il-ġdid, il-bniedem reġa' kiseb is-sema. Infatti l-ġisem tal-Verġni Mbierka ma rax it-taħsir, iżda daħal fil-glorja tas-sema. B'hekk Marija ssir għall-bniedem Tama żgura li: *"aħna mhux ilkoll norqdu r-raqda tal-mewt, iżda lkoll nitbiddlu, f'waqt wieħed, f'teptipa ta' għajn mal-aħħar tromba, u l-mejtin iqumu bies ma jitħassrux aktar, u aħna nitbiddlu. Għax jeħtieġ li dan il-ġisem li jitħassar jilbes in-nuqqas ta' taħsir, u li dan il-ġisem li jmut jilbes l-immortalità. Meta dak li jitħassar jilbes in-nuqqas ta' taħsir, meta dak li jmut jilbes l-immortalità, imbagħad iseħħ dak li hemm miktub: "Inbelgħet il-mewt fir-rebħa. Fejn hi, ja Mewt, ir-rebħa tiegħek? Fejn hi, ja Mewt, in-niggieża tiegħek?"*[19]. Marija hija waħda minna, hija bint Adam, iżda għaliex tissaħ ħaġa waħda ma' Kristu hija taqsam miegħu r-rebħa fuq il-mewt. Dan kollu seta' jseħħ f'Marija minħabba l-qawmien mill-mewt ta' binha Ġesu', għaliex *"l-ewwel Kristu, wara dawk li huma ta' Kristu"*[20]. F'Marija mielgħa s-sema naraw dak li sejjer iwettaq Kristu magħna fil-tieni miġja tiegħu.

S·MIFSUD & SONS LTD
SMS
TRAVEL & TOURISM

The complete travel shop

* Air Travel
* Ferry Crossings
* Accomodation
* Cruises
* Car Hire
* Travel Insurance
* Group Arrangements

311, Republic Street, Valletta. Tel: 232211
33, Tower Road, Sliema. Tel: 330368
16, Republic Street, Victoria, Gozo. Tel: 551126
27, Birkirkara Hill, St. Julian's. Tel: 320655

FLAMINGO BAR

Pjazza J. F. Kennedy, Victoria, Gozo. - Tel: 553704

Miftuh kuljum mis-7.00 a.m. sat-tard bil-lejl

Special Attractions
- Big Screen ghall-football (English Leagues, Italian Leagues and World Cup)
- Surround Speakers Stereo System
- Four Monitors (M.T.V. Music Channel)
- Billiard (American Pool)
- Video Games
- Table Soccer

Snacks
- Ham and Cheese Sandwiches
- Tuna and Salad Sandwiches
- Toasted Ham and Cheese Sandwiches
- Ham and Cheese Ftira
- Pizza
- Light Snacks and Sweets (eg. twisties)

Drinks
- Tea Coffee
- Capuccino
- Espresso
- Soft Drinks
- Beer
- Spirits
- and much more

Naccettaw Parties

See You There!

www.gozocathedral.org.mt

Konklużjoni

L-ikona, mhix xi opra ta' l-arti jew xi biċċa arti antika biex biha nżejnu darna kif ħafna forsi jaħsbu. L-ikona hija xbieha sagra li tkellima dwar Alla u tlaqqagħna ma' Alla. Quddiem kull ikona jeħtieġ li nieqfu nitolbu u nirriflettu quddiem il-misteru li qed naraw impitter. Kif rajna l-ikona tar-*Raqda ta' l-Omm ta' Alla*, bħaddomma ta' l-Assunta - li s-sena qed niċċelebraw il-ħamsin sena mill-proklamazzjoni tagħha - hija frott ir-riflessjonu u l-fidi tal-Knisja fuq il-misteru tal-Verġni Marija, l-Omm ta' Alla. Il-Knisja ma tiqafx fuq il-persuna ta' Marija, iżda f'Marija, rebbieħa fuq l-mewt u mqiegħda fil-glorja ta' Kristu, il- Knisja taqra il-Pjan tas-Salvazzjoni li Alla qed jaħdem ma' l-umanita'. Dan il-pjan divin isib il-qofol tiegħu meta Kristu, kif jgħidlina San Pawl fl-ewwel ittra lill-Korintin: "*qiegħed kollox taħt riġlejh*" .. u hekk "*Alla jkun kollox f'kollox*".

Mela l-Festa ta' l-Għid ta' l-Assunta hija l-festa tagħna wkoll, għaliex f'Marija aħna naraw kif ser ikun it-tmiem tal-ħajja tagħna. F'Marija aħna niftakru li pajjiżna huwa s-sema. Marija tgħib fis-sema u tħalli l-wisa' lil Dak li lejh hija trid tressaqna, lejn Alla Missierna. Dan hu l-għan li nistgħu nsejħulha omm; mhux biss għaliex hija tat il-ħajja lil Kristu, u Kristu tahielna b'omm. iżda hija wkoll ommna għaliex hija saret il-pont li jgħaqqad lill-umanita' mad-Divinita'. Marija hija t-triq li twassalna għand Kristu u Kristu huwa t-triq li twassal għand il-Missier.

---

[1] Għal aktar informazzjoni dwar il-bidu u t-Teoloġija ta' l-ikona, ara l-ktieb ta' SENDLER E., *L'Icona Immagine dell'invisibile. Elementi di teologia, estetica e tecnica*, Edizione Paoline, Roma 1985.

[2] Omelija fuq id-*Dormizio*, P.G. 99, 719-30 s. 719-20.

[3] GARIB G., *Le Icone Festive della Chiesa Ortodossa*, Ancora, Milan 1985, 225.

[4] SENDLER E., *Le Icone Bizantine della Madre di Dio*, San Paolo, Milano 1995, 63.

[5] L-isem **Apokrifa** jfisser imwarrab. Dan għaliex dawn il-kotba ġew imwarrba, imħollija barra milli jagħmlu parti mill-Kanoni tal-Kotba Mqaddsa. Il-Knisja ma tqisx dawn il-kotba bħala Kotba Ispirati mill-Ispirtu s-Santu minħabba ċerti esaġerazzjonijiet li nsibu fir-rakkonti tagħhom. Pero' dawn dejjem jibqgħu kotba li jaxhdu ċertu dawl fuq il-ħajja ta' l-ewwel komunutajiet insara u fuq il-fidi tagħhom. Mhux dak kollu li wieħed isib fihom huwa Verita', għalhekk wieħed irid joqgħod attent.

[6] Ir-rakkonti diversi ta' l-Apokrifi li jitkellmu dwar il-mewt ta' Marija jidhru fil-ktieb imħejji minn MORALDI L. *Apocrifi del Nuovo Testamento*, Torino 1971, 825-40, 841-62, 863-69, 870-78, 885-95, 896-926.

[7] Lq 1, 49.

[8] *Preghiere nelle Grandi Feste Bizantine*, miġbura minn Suor Maria, Brescia 1980, 131.

[9] Dan il-kliem huwa dejjem meħud mill-kotba apokrifi

[10] Mt 4, 19.

[11] Lq 5, 10

[12] Mk 5, 35-41

[13] Lq 1, 48

[14] *Preghiere nelle Grandi Feste Bizantine*, miġbura minn Suor Maria, Brescia 1980, 126.

[15] Gv 15, 4-5

[16] Lhud 12, 22-23

[17] Salm 132, 8

[18] Ġen 3, 19

[19] 1Kor 15, 51-55

[20] 1Kor 15, 23.

[21] 1Kor 15, 27-28

www.gozocathedral.mt

IL-QAWMIEN MILL-MEWT TAL-MADONNA

Minn Angelo Xuereb

Il-Madonna li tant issieħbet mill-qrib mal-misteru ta' Kristu kien jixirqilha li kif l-Imgħallem tagħna qam minn bejn l-imwiet, hekk wkoll hija tiġi meħuda s-sema bir-ruħ u l-ġisem.

Mietet bħal Kristu

Il-Kostituzzjoni Appostolika *Munificentissimus Deus* tal-1 ta' Novembru, 1950, tgħidilna li l-Madonna ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem. Iżda din l-Kostituzzjoni ma tħollx id-diffikultà jekk il-Madonna mititx jew le. Minflok il-kelma *mietet* id-definizzjoni tuża l-kelmiet "meta għalqilha ż-żmien li tħalli din l-art." Imma riċentement il-Papa Ġwanni Pawlu II waqt udjenza ta' nhar ta' Erbgħa afferma li l-Madonna bħal binha Ġesu mietet. Ta' min jinnota li meta l-Papa preżenti tkellem waqt din il-laqgħa ma kienx igawdi l-infallibbiltà għax ma kienx jitkellem *ex catedra*. Però jekk naraw x'qalu l-qaddisin, it-tradizzjoni tal-Knisja, u r-raġuni naslu, bħal Papa, għall-konklużjoni li la darba Sidna Ġesù Kristu miet, il-Madonna mietet ukoll.

Għalhekk bosta Santi Padri u Dutturi tal-Knisja jħommu bir-raġun kollu l-mewt tal-Madonna. San Modest, kittieb tal-Knisja tal-bidu, jispjegalna l-mewt ta' Marija. Huwa jgħidilna li l-anġli tas-sema kienu preżenti, naturalment b'mod invizibbli, għall-mewt tagħha. Ikompli jgħidilna li, fil-waqt li dawn l-esseri tas-sema kienu ferħanin, l-Appostli kienu mnikktin. Omm il-Feddej kienet se tħalli din l-art. Jgħid ukoll li Kristu deher lil Marija waqt il-mewt tagħha. Infatti huwa jiddeskrivih billi jgħid li l-Beata Marija, dejjem maħkuma mix-xewqa ta'Alla, bil-ħarsa fissa lejh (Kristu), fil-waqt li telqet ir-ruħ tagħha f'idejh, mietet.

Kien jixraq li l-Madonna tmut wkoll mhux biex ġisimha jitħassar fil-qabar, iżda sabiex bil-għajnuna ta' Alla hija tkun tista' tissieħeb aktar mill-qrib mal-misteru ta' Kristu. It-triq li għadda minnha l-Iben ta' Alla kien li jmut minxur fuq salib iżda fit-tielet jum iqum minn bejn l-imwiet. Kristu permezz tal-mewt tiegħu, rebaħ il-mewt biex ma jmutx aktar. Infatti San Pawl jgħidilna, "Meta dak li jitħassar jilbes in-nuqqas ta' taħsir, meta dak li jmut jilbes l-immortalità, imbagħad iseħħ dak li hemm miktub, in-belgħet il-mewt fir-rebħa. Fejn hi, ja mewt, ir-rebħa tiegħek? Fejn hi, ja mewt, in-niggieża tiegħek?" In-niggieża tal-mewt hi d-dnub, il-qawwa tad-dnub hi l-liġi. Nżżu ħajr lil Alla li tana r-rebħa permezz ta' Sidna Ġesù Kristu." Proprju din is-silta ta' San Pawl li tgħidilna bir-rebħa ta' Kristu fuq il-mewt hija it-tieni lezzjoni li naqraw fil-quddiesa tal-Vġili ta' Santa Marija.

Ir-rebħa fuq il-mewt għamilha Sidna Ġesù Kristu permezz tal-qawmien mill-imwiet tiegħu. Kien jixraq għalhekk, li l-Madonna li ġabet lil Kristu fid-dinja, batiet daqshekk għalih tittella' s-sema bir-ruħ u l-ġisem. Għalhekk it-tlugħ fis-sema tagħha nistgħu nqisuh bħala wirja mill-id tal-providenza ta' Alla li kif Kristu ma rax it-taħsir tal-qabar, l-istess xorti kellha tmiss lil ommu li tant ħadmet biex il-mewt tintrebaħ u l-bibien tal-ġenna jerġgħu jinfetħu.

Wara li Kristu reġa' ħabbeb l-umanità ma' Alla, min imut fil-grazzja ta' Alla, ruħu setgħet tmur tgawdi lil Alla filwaqt li ġismu jitqajjem fl-aħħar jum. Iżda dan ma kienx il-każ tal-Madonna. Hija ttieħdet is-sema bir-ruħ u l-ġisem. Proprju dan seħħ biex tkun tixbah lill Sidna Ġesù Kristu.

L-arka tal-Patt il-ġdid

Il-Liturġija tal-festa ta' Santa Marija tagħmel enfasi li l-Madonna hija l-arka tal-Patt il-ġdid. Dan tagħmlu billi fil-quddiesa tal-Vġili fl-ewwel qari ġġibilna quddiem għajnejna l-arka tat-Testment il-qadim. L-arka kienet xi ħaġa għażiża għall-poplu Lhudi għax kienu jaraw fiha l-post fejn jgħammar Alla. Infatti, San Ġwann fl-Apokalissi jgħid hekk: "Infetaħ it-tempju ta' Alla, li hemm fis-sema, u dehret l-arka tal-patt tiegħu fit-tempju tiegħu." Din is-silta

tinqara fl-ewwel qari tal-festa ta' jum l-Assunta.

Għalhekk raguni oħra għax Marija ġiet meħuda s-sema bir-ruħ u l-ġisem hija li Alla ma ħalliex l-Arka tat-Testment il-Ġdid taqa' fit-tiġrija u l-ħerba tat-taħsir tal-qabar. Id-Duttur tal-Knisja San Roberto Bellarminu jistaqsi: Min jista' jgħaddilu minn moħħu li l-Arka tal-qdusija, l-għamara tal-Kelma, it-Tempju ta' l-Ispirtu s-Santu, waqgħet? Lanqas irrid biss jaħseb illi dak il-ġisem verġinali li ġġenera lil Alla weldinu u temgħetu, sar irmied, jew ġie mikul mid-dud ta' l-art.

Kif Kristu għamel rebħa fuq il-mewt permezz tal-qawmien tiegħu, l-istess għamlet Marija. Ma nkunux nizbaljaw jekk inpoġġu fuq ix-xufftejn tal-Madonna hija u diehla s-sema rebbieħa tkanta il-*Magnificat*: "Għax is-Sejjed għamel miegħi ħwejjeġ kbar, qaddis hu l-isem tiegħu."

Tifsira ta' l-Assunta

It-Tlugħ fis-sema tal-Madonna jagħtina bosta tifsiriet spiritwali. Kif Marija ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem, hekk wkoll aħna jekk ngħixu "bi spirtu, fi Kristu, u ma' Kristu", meta mmutu ruħna tmur il-ġenna filwaqt li l-ġisem tagħna jitqajjem fl-aħħar jum.

Fil-ħajja tal-bniedem il-mewt kienet dejjem xi ħaġa li lil dan il-bniedem tħawdu. Għalhekk ir-reazzjoni naturali tal-bniedem hija li ma jaħsibx fiha għax jara fil-mewt dik il-ħaġa li se tifirdu mid-dinja li tant wieħed iħobb. Però jekk inħarsu lejn il-Madonna se nagħmlu kuraġġ. Il-Madonna affrontat il-mewt bl-imħabba u l-kuraġġ u rat fiha bħala mogħdija għal Kristu li tant kienet tħobb.

Il-Festa ta' l-Assunzjoni tagħtina bosta tagħlimiet oħra. Kif tgħidilna d-domma, il-Madonna ġiet meħuda s-sema bir-ruħ u l-ġisem. Hawnhekk naraw kemm huwa importanti l-ġisem mhux biss f'din il-ħajja, iżda wkoll f'dik eterna. F'din il-ħajja il-bnedmin huma ġisem u ruħ. Meta ir-ruħ tħalli l-ġisem dan imut. Għalhekk nizbaljaw meta ngħidu li Alla qiegħed jagħtina salvazzjoni lir-ruħ biss. Infatti l-Knisja dejjem għallmet li l-ġisem huwa t-tempju ta' l-Ispirtu s-Santu. U għalhekk is-salvazzjoni ma hijiex għar-ruħ biss iżda wkoll għall-ġisem. U kif Marija ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem, hekk

wkoll ġisimna jerġa' jieħu l-ħajja fl-aħħar jum. Proprju din hija l-wegħda ta' Sidna Ġesù Kristu.

Festa ta' tama

Fl-aħħarnett, il-festa ta' l-Assunta hija festa ta' tama kbira. Hija festa li tfakkarna fil-kobor ta' Marija u r-rebħa li għamlet fuq il-mewt biex tmur tgawdi lil Alla għall-eternità. Għalhekk fil-ħajja tagħna għandna nagħmlu kull ma nistgħu biex inkunu veri skulari ta' Sidna Ġesù Kristu. L-Imgħallem tagħna ma huwiex qiegħed iwegħedna ħajja faċli, jew qiegħed iwegħedna li se jeħlisna mill-mewt. Ġesù qiegħed iwegħidna għall-ħajja tixbah lil tiegħu. F'din is-sema tagħna, li ġejja mill-imħabba ta' Alla, hemm il-pjan ta' salvazzjoni mid-dnub u mill-mewt u l-wegħda għall-ħajja sbiħa u ta' dejjem bħala wlied Alla.

Għalhekk biex nilħqu l-premju li kisbet il-Madonna, irridu naħdmu minn issa permezz tal-fidi, tat-tama, u ta' l-imħabba, u permezz tal-virtujiet morali li huma, il-għaqal, il-ħaqq, il-qawwa, u l-qies. Il-Madonna hija eżempju klassiku ta' x'jagħmel Alla għal dawk li jħobbuh.

P

PAOLO

Calzature

Orienti's Shopping Arcade Victoria, Gozo.
Tel / Fax: 563688
13, Palm Street, Victoria, Gozo.

BOOKWORM

For all your
Back to School
Needs

105, Republic Street,

Make New Friends at the

Bellusa Cafe`

Right in the Heart of Victoria

PIZZA & SNACKS
SERVED ALL DAY

ĦALLUĦA ĦA TOĦROĠ
F'GĦELUQ IL-50 SENA TAD-DOMMA
U L-25 SENA TA' L-INKURONAZZJONI

Ħalluħa ħa toħroġ
illum, lil Marija
qalb l-għana ta' l-anġli,
ħa ntuħa foħrija.

Għax din Festa Kbira
tas-sema, ta' l-art...
Warajk, O Madonna,
id-dinja saħħart.

Il-Papa minn Ruma
snin ilu ħamsin
mar ħabbar lid-dinja
bil-ferħ, lill-bnedmin

li Ommna Marija
Assunta hemm ġiet
mill-anġli bil-ġisem
u r-ruħ fis-smewwiet.

Għax Alla għażilha
u riedha hemm fuq,
'il fuq minn kull sema,
'il fuq kull maħluq.

U l-art ukoll ferħet
u tat is-seh'm tagħha
biex tfaħħar lil Ismek,
Marija, Omm tagħha.

Is-sema mar libbsek
u żebagħ għajnejk;
il-qaws t'Alla żejnek
u lewwen ħaddejk.

Il-baħar kaħlani
ried hu qima jtik
u raxxax fuq ħwejġek
il-blu biex jgħattik.

Il-ward tal-għelieqi
dilkuk bil-ħlewwiet;
mellsulek ma' wiċċek
bisuk il-fewġiet...

L-għasafar li jtiru
u jgħannu ferħana,
pespsulek ma' l-anġli
fuq l-arpi felħana.

Għax Lilek Marija,
kulħadd qima jtik,
għax Kristu, Bin Alla
jitfissed ried fik!

X'ħin tiġi biex tidħol
u l-għaju tgħum fid-dmugħ
u l-qlub kollha msaħħra
u taqbeż ir-ruħ

u s-sema bħal jixgħel
jimpika ma' l-art
u tħossok titriegħed
u jaqbdek il-bard,

ħarisna, Madonna,
eħlisna mid-dnub,
kif tpaxxi bi ġmielek
u sserraħ il-qlub!

Min jaf jekk sen'oħra
narawkx, O Marija,
hawn dieħla, qalb l-għana
ċapċip, ferħ, sbuħija !

Jekk le, Omm ħanina,
narawk żgur hemm fuq,
fejn m'hemmx aktar biki,
is-sliem qalbna dduq...

Hemmhekk, narawk sbejħa
kif Int, ma nixbgħux;
iħarsu lejn wiċċek
l-għajnejn ma jehdewx...

Minn hawn qed induqu
flimkien dik il-benna...
Hawnhekk, din il-pjazza
issir biċċa ġenna!

Rev. George Mercieca
22.07.2000

Coney Island Bar

Jawguraw il-Festi t-Tajba lill-klijenti tagħhom...

13, Sir Adrian Dingli Street, Victoria
Tel: 551289

Cordina Photo Market

STUDIO

VICTORIA, GOZO, MALTA

One Hour

Developing & Printing

Colour Photocopy Service

SUNSHINE

restaurant

TEL: 554458 - 563167

XLENDI , GOZO

L-ASSUNTA U L-INDJA

minn Fr Ġiġi Camilleri SJ

Santa Marija. Il-festa kbira għall-Knisja kollha, u bla dubju waħda kbira ħafna għal artna. Mhux biss il-Katidral tagħna iżda wkoll is-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu, ċentru kbir ta' devozzjoni u pellegrinaġġi Marjani, huma ddedikati lit-Tlugħ is-Sema ta' Marija Santissma. Jixraq għalhekk li nżommu din il-festa b'waħda Nazzjonali.

Għal ħafna minna l-jiem koroħ tal-gwerra għadna niftakruhom sewwa. Santa Marija ta' l-1942 tfakkarna f'kemm ħabbitna Omnna Marija. Meta konna wasalna fl-aħħar, mingħajr ikel għan-nies imġewħa, u mingħajr munizzjon għall-kanuni li kienu jiddefenduna, fi żmien ta' qtigħ il-qalb u ta' biża' fil-festa ta' Santa Marija wasal biċċa mill-konvoj li għadu jġib l-isem ta' Santa Marija. Wiehed li ħammar l-ibħra ta' madwarna bid-demm ta' dawk li tilfu ħajjithom biex aħna ngawdu ħajjitna. Ohio b'nofs it-tagħbija li kellu ta' petrol prezzjuż kważi taħt wiċċ il-baħar u tlieta biss mill-erbatax-il bastiment mgħobbijin ikel li konna mejtin għalih, irnexxielhom jidħlu fil-port tagħna u salvawna. Imnalla ma kellniex wisq ħjiel kemm konna f'ħalq il-għadu li għal ħarira m'għalqux fuqna biex ijassarna. Jum li għandna għaliex nibqgħu nafuh lill-imħabba ta' Omnna ħanina, li riedet turihielna fil-festa ta' l-Assunta, ta' l-1942. Reġgħa oħra li din id-darba reġgħetilna mhux għal jum Twelidha, imma għal jum it-Tlugħ tagħha fis-Sema.

Malta u l-Indja

Ħames snin wara, fl-istess Port tagħna daħal irmunkat 'floating dock' kbir, baċir ta' wiċċ l-ilma, li għal snin konna narawh sorgut f'Xatt il-Laboratorju għat-tiswija tal-frejgati tal-flotta Ingliża. Kien għad m'hemmx il-baċir li naraw illum imsejjaħ taċ-Ċiniżi. Dan il-'floating dock' kienu rmunkawh minn Bombay, fl-Indja. Il-qawwiet Ingliżi kienu jippakkjaw biex jitilqu mill-Indja jibdew id-difna ta' l-Imperu! L-Indja, l-ikbar demokrazija tad-dinja, kienet waslet biex tieħu r-riedni tat-tmexxija f'idejha. Malta rebħet dan il-'floating dock' li kien għalina simbolu ta' l-Indipendenza tagħha. Ġrajja li seħħet nhar Santa Marija ta' l-1947. Waħda li nħoss kienet ta' ġid għall-Knisja f'dik l-art immensa, "art ir-reliġjonijiet" kif sejħilha l-Papa Pawlu VI.

Dan kif laqat lill-Knisja fl-Indja? Mill-mijiet ta' festi ta' daqshekk reliġjonijiet 'l hawn u 'l hemm mal-pajjiż, aħna l-Insara kellna biss tnejn, dik tal-Milied u l-oħra tal-Ġimgħa l-Kbira, tradizzjoni mħollija mill-Ingliżi. Imma l-Madonna riedet li t-Tlugħ tagħha fis-Sema, jinżamm mill-Knisja fl-Indja b'festa mhux inqas minn kif jinżamm f'pajjiżi oħra. L-indipendenza ta' l-Indja seħħet fil-15 ta' Awwissu 1947. U kif jgħid il-qawl Malti: 'Bis-sabiħ tal-għarusa tiżfen il-qattusa'. Bis-sabiħ tal-festa kbira ta' l-Indipendenza ta' l-Indja, stajna wkoll fl-istess jum inżommu l-festa ta' Santa Marija.

St. Andrew's Str.,
Victoria,
Gozo.
Tel: 554056

Joe Grech
Photographer

Photos & Video for Weddings, Engagements,
Baptisms or any Special Photographic occasion.
Passport Photos
Colour or Black & White.
Developing & Printing Service.
Cameras - Flashlights - Films
Watches, Batteries & Video Games
Large Selection of Top Quality Frames & Albums
Frames made to order.

Cittadella
Garden Restaurant

For Traditional Food

Cittadella Centre, 14/16, Sir Adrian Dingli Street,
Victoria VCT 104 - Gozo • Tel: 562062

www.gozocathedral.org.mt

Xtaqt nagħti ftit mill-esperjenzi li kelli tal-festa ta' Santa Marija fil-44 sena ta' ħajti fl-Indja. Minn dawn is-snin kollha għaddejt fuq 27 sena, bħala kappillan, snin ta' ħidma pastorali.

Santa Marija fl-Indja

Ħafna jsaqsuni x'rajt u x'għaddejt minnu fiż-żewġ terzi ta' ħajti fl-Indja. Jistennewni ngħidilhom kontx nieqes mill-ikel, kemm kelli nseffaq wiċċi ma' xi għawġx, ma' mġiba ħażina ta' xi nies. Bil-kemm jemmnuni li l-iktar li kont inħoss kienet il-firda minn niesi, minn arti, minn dak li fi tfuliti kien ħajti. Il-kultura li twelidt u trabbejt fiha. Il-festi li jagħmlu ħafna minn ħajjitna, il-festa ta' Santa Marija.

Fil-kobor tagħha, l-Indja wkoll għandha ċentri ta' pellegrinaġġi kbar Marjani.Velankani, in-naħa t'isfel ta' l-Indja, u Bandra f'Bombay, jiġbdu eluf lejhom matul is-sena u fil-festa tat-Twelid ta' Marija Bambina. Hindu, u Mawmettani ma' folol ta' nsara jiġu jżuru lil ommna f'dawn iċ-ċentri sbieħ u devoti, insara.

Bandel, fuq xtut ix-xmara mqaddsa Ganges ftit mili fuq Kalkutta hemm imħarsa u meqjuma statwa ta' fuq erba' mitt sena tal-Madonna b'Ġesu' fi ħdanha, waħda li kienu wasslu baħħara Portugiżi f'wieħed mill-vjaġġi perikolużi tagħhom fuq ix-xmara li twassal sa mijiet ta' mili sa djul l-igbla Himalja, inkurunati mill-ogħla muntanja tad-dinja, Mt. Everest.

Oħra ta' fama antika hi dik f'Sardhana, ftit 'l isfel minn Delhi, mibnija minn prinċipessa Mawmettana, ta' żmien il-Mogħulx, l-imperaturi ta' Islam fi żmien l-Assedju l-Kbir tagħna. Din kienet ħaddnet it-twemmin Nisrani, u

Sardhana għadha tfakkar din il-ġrajja kbira. Dawn huma forsi l-ikbar ċentri li jżommu jixgħel il-musbieħ tat-twemmin nisrani f'isem Sidtna Marija Omm Ġesu' u Omm Alla f'art li għalkemm art ir-reliġjonijiet, għadha 'l bogħod mit-triq tas-sewwa.

Imma l-festa ta' Santa Marija li ssir fl-anniversarju ta' l-Indipendenza ta' l-Indja, festa providenzjali għal din l-art li tħaddan fuq elf miljun ruħ, hi waħda li tkabbar it-tama li mis-sema, Marija titfa' ħarsitha fuq dik l-art bla qjies, u traxxax fuqha l-barka u l-għajnuna tagħha. Fil-knejjes kollha, eluf fuq eluf minnhom mifruxa mat-tul ta' 3,241 kilometru u mal-wisa' ta' 2,933 li jinfirxu fuq firxa ta' 3,287,263 kilometru kwadri jagħtu qima xierqa u ħerqana lil Ommna Marija mtellgħa s-sema. Fil-15 ta' Awwissu l-Indja tfakkar tmiem il-ħakma Ingliża. Fl-istess jum, mal-bqija tal-Knisja tad-dinja, l-Insara jagħmlu tagħhom btala nazzjonali biex ifakkru l-ħelsien mit-taħsir ta' ġisimha bit-tlugħ fis-sema ta' Sidtna Marija. Fil-każ tal-festa ta' Santa Marija fl-Indja, forsi l-qawl Malti iktar jaqbel jinqara: "Bis-saħħa tal-qattusa, tiżfen il-Għarusa".

ARTAL MEJDA ĠDID GĦALL-KATIDRAL

minn
Giovanni B. Gauci
Viġarju Ġenerali u Arċidjaknu tal-Kapitlu Katidrali

Meta sar l-artal mejda tal-injam, mhux inqas minn tletin sena ilu, jien kont naħseb li dak l-artal kellu jibqa' jservi fil-Katidral għal snin sħaħ, għalkemm ma kontx nemmen li ħa jdum daqskemm fil-fatt dam. Kont nimmaġina xi artal mejda ta' rħam, imma meta u kif ma kontx naħseb fughom. Kien mis-sena 1996 li fil-Katidral beda jissemma benefattur kbir li lest li jħallas għall-artal mejda ġdid, artal ta' rħam biex jieħu post dak proviżorju tal-injam.

L-ewwel ħidma

L-ewwel ħaġa li kellha tkun kien id-disinn tal-artal il-ġdid. Ovvjament id-disinn il-ġdid kellu jikkunsidra l-ambjent sħiħ tal-presbiterju u tal-Katidral. L-artal ta' rħam il-qadim kellu jibqa' f'postu u dan minħabba diversi raġunijiet.

Meta ġieni l-ewwel disinn f'idejja, jiena għaddejtu lill-Isqof għall-approvazzjoni tiegħu qabel ma tressqu għall-approvazzjoni tal-Kapitlu. L-Isqof ma approvax id-disinn u għalkemm jien ma tantx fhimt ir-raġunijiet tal-Isqof, illum ngħid li kellu ħafna raġun, kif raġun kien ikun ukoll bniedem kompetenti f'dak il-qasam tal-arti.

Bl-approvazzjoni tal-Isqof sejjaħt lis-Sur Salvu Bugeja u ltqajna flimkien fil-Katidral, preżenti wkoll, fost l-oħrajn, Mons. Isqof. Is-Sur Bugeja ħażżeż disinn fuq kif konna tkellimna flimkien. Dan id-disinn kien differenti għal kollox mill-ewwel wieħed: però, anqas it-tieni disinn ma ġie approvat mill-Isqof. Wara dan, [illegible] Isqof fil-preżenza [illegible] u wara din il-laqgħa ħarġet l-idea ġenerali li lill-Isqof għoġbitu u għoġbot lil [illegible] wkoll. Però l-artist kien jeħtieġlu jiżviluppa aktar dik l-idea u mbagħad jiffisser f'disinn aħjar. Meta l-artist u d-disinjatur ħadmu flimkien u tawni l-aħħar disinn, jien mort bih għand l-Isqof u mill-ewwel qalli: "Dan iva. Jidher sabiħ. Għaddih lill-Kapitlu." Fil-fatt hekk għaddejt dan id-disinn lill-Kapitlu u wara wkoll ġie espost fil-Katidral għall-informazzjoni ta' kulħadd. Dan kien id-disinn li llum narawh eseguit u mqiegħed fuq il-presbiterju bħala ċ-ċentru tal-liturġija.

Id- disinn

Id-disinn tal-artal mejda tal-Katidral għandu bħala artisti tiegħu lill-Kav. Pawlu Camilleri-Cauchi u lis-Sur Salv Bugeja. It-tnejn ħadmu f'kollaborazzjoni kbira u magħhom ukoll issieħeb Dun Joe Calleja. Barra mill-kollaborazzjoni għad-disinn, is-Sur Bugeja ħadem ukoll ċerti mudelli fl-injam biex imbagħad ġew eseguiti fl-irħam u fit-bronż.

Ix-xbieha prinċipali tal-parti ta' quddiem, Ġesù mad-dixxipli ta' Emmaws inħadmet fuq mudell tal-artist Għawdxi wkoll Alfred Camilleri-Cauchi. Hu ħadem ukoll il-mudell għal xi mozzetti u għar-ras l-anġlu li qiegħed taħt il-mensa, minn naħa ta' quddiem.

Fuq il-parti ta' wara tal-artal hemm l-armi ta' dawk li għandhom konnessjoni speċjali ma' dan l-artal: l-arma tal-Papa Ġwanni Pawlu II, tal-Isqof Cauchi, tal-Kapitlu, u tal-Familja Caruana li ta somma ġeneruża għall-eżekuzzjoni sħiħa ta' dan l-artal mejda. Il-kitba, n-naħa ta' wara tal-artal issemmi lil din il-Familja Caruana għarrigal tagħha lill-Katidral, jiġifieri l-għotja ta' l-artal. Dawn l-armi kollha nħadmu fil-bronż fuq mudelli tas-Sur Silvio Pace.

Il-fużjoni tal-bronż saret mill-*Fonderia Versiliese* ta' Pietrasanta. Il-partijiet fejn hemm il-*mosaico d'oro* nħadmu mid-Ditta *Orsoni* ta' Venezia. Ix-xogħol kollu ta' rħam nħadem mid-Ditta *Dino Feud* ta' Avenza-Carrara.

L-irħam

F'relazzjoni apposta maħruġa mid-Ditta *Felici*, għandna indikati il-kwalitajiet diversi tal-irħam użat. Għandna l-abjad statwarju ta' Carrara, il-portoro iswed minn La Spezia, l-isfar minn Siena, u irħam ieħor prestiġjuż, il-malakita, tal-Kanada.

Fuq dan l-artal diġa' tkellmu wkoll xi ġurnali fl-Italja. Skond id-Ditta *Felici*, kienu bosta artistiċi u klijenti tagħhom li raw l-artal u iffotografawh u kellhom ħafna tifħir għal din il-biċċa xogħol artistika ta' livell għoli ħafna.

Tifħir lil min ħaqqu

Hemm bosta persuni li jixirqilhom prosit u grazzi minħabba dan l-artal. Ma kienx ikun dan l-artal kieku l-Isqof ma baqax jinsisti għal "xi ħaġa aħjar u li tixraq lill-Katidral". Ma kienx joħroġ artal bħal dan... kieku l-artisti nvoluti u speċjalment is-Sinjuri Bugeja u Camilleri-Cauchi ma tawx is-sehem tagħhom u l-attenzjoni kontinwa għall-proġett. Is-Sur Camilleri-Cauchi mar wkoll fill-fabbrika f' Carrara u tkellem mal-iskulturi u fissrilhom verbalment id-disinn mħejji minnu u mis-Sur Bugeja. Kelma ta' ringrazjament tmur ukoll lil Dun Joe Calleja: kien jeħtieġlu imur darbtejn Carrara biex jara kif kien miexi ix-xogħol.

Hemm persuni oħra li jimmeritaw il-prosit u r-ringrazzjamenti tagħna għas-sehem tagħhom biex din l-opra seħħet issir. Imma kulħadd jaf li hemm il-Familja ta' Ġużeppi u Josephine Caruana li, flimkien mat-tmien uliedhom, offrew li jħallsu somma enormi biex offrew rigal ġojjell lill-Katidral ta' Għawdex li hija ukoll il-Parroċċa tagħhom. Il-Familja Caruana hija benefattriċi fil-veru sens u fl-aqwa sens tal-kelma: huma ħallsu għall-artal, interessaw ruħhom kontinwament minnu, ħaduh huma stess mill-Italja u saħansitra tellgħuh u wassluh sa fuq il-presbiterju tal-Katidral u kienu fost dawk li meddew idejhom biex poġew l-artal f'postu. Kienu fost dawk li ħadmu lejl sħiħ!

Fl-aħħar... kelma oħra ta' prosit lill-iskultur Għawdxi Raymond Bonello. It-tarġa bażi għal dan l-artal hija xhieda ċara tal-kapaċità ta' Bonello li draħi oħra ħadem opri ta' rħam għall-Katidral ta' Għawdex.

L-artal wasal Għawdex, it-Tlieta, 25 ta' Lulju, u ddaħħal u twaħħal dak inhar stess fil-lejl ta' bejn San Ġakbu u Sant'Anna. Ix-xogħol kien lest sal-ħamsa ta' fil-għodu tal-għada 26 ta' Lulju.

J'alla kull min ta' s-sehem tiegħu għal dan l-artal jagħraf ikompli jgħaqqad it-tbatijiet u l-ħidma tiegħu ma' dik ta' Kristu! B'dan il-mod qalbna tkun l-isbaħ artal u aħna stess nkunu vittmi ta' mħabba għall-Kristu li tant ħabbna.

OFFICE EQUIPMENT

FOR ALL OFFICE SUPPLIES
& STATIONERY

Photo Copy Service & Binding
Calculators, Typewriters,
Cash Registers, Fax Machines

12, St. Francis Sqr., Victoria - Gozo
Tel: 554052 Fax: 563745

ZA Zammit Aluminium Ltd.

'Private Alley', Fountain Street, Fontana, Gozo.
Tel / Fax: 554058.

Wasalt biex taghmel l-aperturi ta' l-ALUMINIUM
u tixtieq ikollok l-ahhar teknologija
bl-ahjar kwalita' u b'xoghol mahdum professjonali?

Ahna b'20 SENA ESPERJENZA noffrulek dan kollu:

- *Double glazing* b'kull tip ta' ħġieġ kemm *PLAIN* u *BID-DISINN*
- Sandblasting fuq ħġieġ ta' l-aperturi jew tal-*cupboards* tal-kċejjen u anki fuq mirja
- Sistema ġdida tal-P4 u Export 60
- *Moveable Louvers*
- *Roller/Vertical Blinds*
- Soffitti u *PVC Folding Doors*
- Disinni ta' l-Aluminium addattati għall-*gates* u poġġamani minn kull kulur, tajbin ħafna għal djar rustiċi b'dehra tal-ħadid bla ma jkollok bżonn żebgħa
- Bibien tal-*garages* galvanizzati u wkoll bir-*remote control*

Għal aktar informazzjoni u stima b'xejn ċemplu:

554058

www.gozocathedral.org.mt

RELAZZJONI TAD-DITTA DINO FELICI FUQ L-ARTAL GHALL-KATIDRAL TA'GHAWDEX

L-altar hi ahna ghamilna ghall-Katidral ħa fuq sena xogħol. Il-proġett tajjeb tal-artist Paolo Camilleri Cauchi fisser bis-sħiħ l-ispirtu u l-armonija tal-Knisja hi ahna rajna meta ġejna biex nieħdu l-kummissjoni ta' xogħol, u dan il-proġett tant f'dak li hu disinn fih innifsu kemm f'dak li hu xogħol arkitettoniku tiegħu ġabar fih it-tradizzjoni tal-aħjar ħaddiema fl-arti sagra magħrufin minna.

L-għażla ta' rħamijiet biex jintużaw kienet ħaġa impenjattiva, peress hi aħna riđna bilfors mal-għoli tal-valur tal-opra u għalhekk l-għażla waqgħet fuq irħamijiet prezzjużi fl-istruttura u s-sbuħija tagħhom u magħrufin.

Qabel kollox l-irħam abjad *Statuario di Carrara* magħruf bħala l-irħam li kien juża Michelangelo għall-iskulturi tiegħu l-aktar famużi (Pietà Mosè, u David). Dan l-rħam intuża għall-mensa, għas-saqajn laterali, għall-partijiet oħra dekorattivi taħt il-mensa. Barra mis-sbuħija tiegħu, l-irħam *statuario* huwa wkoll magħruf għal kemm jippresta ruħu għad-daqqiet tal-iskarpell hekk li jippermetti hi joħorġu dettalji l-aktar fini.

Il-parti ta' isfel tal-bażi hija mill-irħam iswed *Portoro*, irħam ta' preġju, b'venatura tad-deheb fih, u ġie minn La Spezia.

Għal dawk il-partijiet sofor, ġie magħżul *il-Giallo di Siena*, ta' kulur skur u vvinat li jinqata' mill-barrieri storiċi fil-periferija ta' Siena.

L-irħam aħdar intarsjat huwa *l-Malakita* ħadra tal-Kanada, kulur qawwi u bil-vini bojod fih.

Il-mużajk huwa magħmul minn folji tad-deheb applikati fuq ħġieġ kemm kemm merfugħ u huwa xogħol id-ditta storika Orsoni ta' Venezja, l-aktar ditta magħrufa għall-mużajk ma' l-Italja.

Il-bronż maħdum fil-Fonderija artistika ta' Pietrasanta, esegwit fuq mudelli tal-artisti Alfred Camilleri-Cauchi u Salvu Bugeja jsieħbu l'armonija rikka l-irħamijiet u jagħmulhom aktar prezzjużi waqt li jagħtuhom ukoll dimensjoni aktar solenni u spiritwali.

Fuq in-naħa ta' wara tal-altar hemm skrizzjoni bil-Malti inċiża u bid-deheb sabiex tfakkar lill-benefattur Ġużeppi Caurana minn Għawdex, għal din l-opra fl-okkażjoni tas-sena tal-Ġublew 2000; madwar l-iskrizzjoni hemm l-armi tal-Papa Ġwanni Pawlu II, tal-Isqof, tal-Kapitlu Djoċesan u tal-familja Caruana.

[illegible] ... Via ... [illegible]

[illegible]

[illegible] ... 11-18 ta' Lulju 2000.

Dino Felice

Marvin Felice

TOTS & TEENS REVENGE

Children, Ladies and Teenage Wear

[illegible], Victoria

DOLCERIA

[illegible] Square, Victoria, Gozo. Tel. [illegible]

IGNAZIO CURMI

BARGATE BOOKSHOP

VICTORIA - GOZO

For all your stationery needs...

George Borg Olivier Str., Victoria. Tel. 556645

KRONAKA TAL-PARROĊĊA
1 ta' Lulju 1999 - 30 ta' Ġunju 2000

Magħmudijiet

DATA	ISEM TAT-TARBIJA	ISEM IL-ĠENITURI
31-07-99	Jake Scicluna	Mario u Joslene nee Cremona
09-08-99	Alex Mario Attard	Joseph u Frances nee Calleja
09-08-99	Jasmine-Ann Buttigieg	Mark Anthony u Maria nee Hili
22-08-99	Michaela Cutajar	Frank u Rachael nee Galea
03-09-99	Carrie Bugeja	Savio u Maria Tereza nee Borg
05-09-99	Rhianna Zammit	David u Joanna nee Micallef
26-09-99	David Nicholas Cook	Mark u Lucia nee Zammit
10-10-99	Maria Vella	Joseph u Michelle nee Farrugia
30-10-99	Stephanie Calleja	Louis u Josephine nee Sultana
31-10-99	Mario Caruana	Michael u Carol nee Saliba
12-12-99	Monique Caruana	Victor u Doreen nee Zammit
19-12-99	Zoe Mercieca	Marlon u Sarah Jane nee Muscat
04.02.00	Pauline Zammit	Vincent u Josephine nee Pace
20-02-00	Chantelle Pace	Dennis u Adelaide nee Attard
19-03-00	Francesco Grech	Michael u Victoria nee Borg
12-04-00	Mario-Luca Refalo	Samuel u Josephine nee Cassar
24-04-00	Clara Sciberras	Laurence u Francelle nee Hili
29.04.00	Clyde Curmi	Michael u Caroline Curmi
30-04-00	Christine Scicluna	George u Maria nee Refalo
24-05-00	Lucas Haber	George u Mary Grace nee Vella
17-06-00	Anna Callus	David u Josienne nee Hili

www.gozocathedral.org.mt

MOBY DICK Complex

Bar, Restaurant
& Pizzeria

Huang Gong Chinese Restaurant

on 3rd Floor
Take Away Available

Roof Garden Restaurant

Serving Local Cusine on 4th Floor
Open from June till September from 7p.m. onwards
Aljotta - Minestra - Kusksu - Imqarrun il-Forn
Spagetti biz-Zalza tal-Fenek - Hut Frisk - Fenek Stuffat
Qarabali Mimli - Bragioli - Haruf - Clamari Mimli

4, Marina Street, Xlendi Bay, Gozo. Tel: 561518 Fax: 559632

Forestals
(APPLIANCES) LTD.

Silhouette
THE LIGHT SHOP

Pope John Paul II Street, Victoria, Gozo
Tel: 551234, Fax: 552737

Your new property in Gozo will give you more satisfaction
when you know you have the smartest available:

Light fittings from SILHOUETTE - The Light Shop
Domestic Appliances from FORESTALS - always better.
Free estimates, deliveries and connection of appliances

www.gozocathedral.org.mt

Żwiġijiet

Date	Isem
02-07-99	Andrew Spencer Engwall (USA) u Carmen Hili (Xewkija)
16-07-99	Denis Pace (Xewkija) u Adelaide Attard (Katidral)
17-07-99	David Portelli (Qala) u Charlene Farrugia (Katidral)
06-08-99	Martin Attard (M'Forn) u Marthese Debono (Katidral)
07-08-99	Emanuel Cini (Katidral) u Christine Vella (Katidral)
25-09-99	Anthony Mercieca (Katidral) u Grace Grech (Kerċem)
30-04-00	Mario Bonello (Qormi) u Katya Psaila (Katidral)
06-05-00	Emanuel Vella (Xewkija) u Yosefa Mejlaq (Katidral)
28-05-00	Michael Scerri (Xagħra) u Sonja Sultana (Katidral)
11-06-00	Michael Vella (Xewkija) u Fabienne Cefai (Katidral)
17-06-00	Charlie Vella (Katidral) u Georgia Calleja (Katidral)
18-06-00	Gotthard Conti (Mellieħa) u Katie Vella (Katidral)

Mwiet

Date	Isem
14-07-99	Dolores Borg ta' 73 sena
04-09-99	Dolores Zahra ta' 77 sena
22-09-99	Rita Caruana ta' 82 sena
02-10-99	Carmela Azzopardi ta' 85 sena
23-10-99	Frances Vella Muscat ta' 59 sena
23-10-99	Georgia Bezzina ta' 74 sena
06-11-99	Paul Zammit ta' 75 sena
18-11-99	Maudie Vella ta' 88 sena
19-11-99	Guzeppi Attard ta' 66 sena
14-12-99	Toni Vella ta' 74 sena
18-12-99	Michael Said ta' 82 sena
07-01-00	George Agius ta' 75 sena
08-01-00	Anthony J C Tabone ta' 81 sena
09-01-00	Francis Gatt ta' 82 sena
13-01-00	John Attard ta' 91 sena
23-01-00	Ġużeppi Xerri ta' 87 sena
25-01-00	M'Angelo Galea ta' 72 sena
28-01-00	Adrian Agius ta' 45 sena
29-01-00	Anthony Attard ta' 89 sena
10-02-00	George Attard ta' 82 sena
14-02-00	Laurence Camilleri ta' 65 sena
02-03-00	Marija Cutajar ta' 70 sena
04-04-00	Francis Caruana ta' 63 sena
09-04-00	Anton Debono ta' 81 sena
13-04-00	Cetta Attard ta' 83 sena
13-04-00	Francis Grech ta' 73 sena
01-06-00	Salvina Cauchi ta' 81 sena
20-06-00	Anton Scicluna ta' 76 sena

www.gozocathedral.org.mt

PARDI ENTERPRISES LTD.

Gozo Agents for Toyota Vehicles and Toyota Genuine Spare Parts

P.O. Box 19, Victoria - Gozo.
Tel: 556678, 553715 - Fax: 553744 - Mob: 099 3300

www.gozocathedral.org.mt



01-06-00

Anna Borg, Diane Galea, Manuel Grech, Mario Mifsud, Paul Refalo, Steve Vassallo, Josmar Zammit.

13-08-00

Joseph Agius, Daniel Azzopardi, Luke Azzopardi, Matthew L Bates, Vanessa Bugeja, Andrea Camilleri, Claire Caruana, Odette M Caruana, Sharon Cassar, Christopher I Cini, Andrea Cutajar, Nicola Cutajar, James Farrugia, Stephanie Farrugia, Graziella Fiteni, Manuel Gatt, Nathaniel Gatt, Francesco Grech, Mark Grech, Roxanne Grech, Jesmar Grima, Marieliz Grima, Cathia Haber, Nathaniel Haber, John H Meilaq, Rebecca A Mintoff, Lisa M Mizzi, Aaron Portelli, Luke Portelli, Roberta Portelli, Josmar Saliba, Francesca Scerri, Elliott Vella, Karen Vella, Joel Xiberras, Joshua Zammit, Maria Zammit.

Grizma ta' l-Isqof

01-06-00

Christian Axiaq, Joseph Camilleri, Laura Caruana, Elena Grech, Ryan Mercieca, Edward Mizzi, Mariella Rapa, Reuben Scicluna.

13-08-00

Mark Agius, Christiana Attard, Claire Azzopardi, Melanie Bezzina, Sarah Borg, Jessica Bugeja, Liliana Bugeja, Massimo Buttigieg, Monique Calleja, Erika Camilleri, Vanessa Camilleri, Daniela Caruana, Francesca Caruana, Maria Caruana, Tony Debrincat, David Degiorgio, Alicia Dimech, Claire Farrugia, Karen Farrugia, Marlene Farrugia, Natashia Farrugia, Stephanie Farrugia, Savio G Fiteni, David Galea, Donia Gamoudi, Daniel Grech, Deborah Grech, Janet Grech, marlon Grech, M'Grace Grech, Sergio Grech, Sylvie M Grech, Charlene Grima, Mandy Masini, Matthew Masini, Jonathan Mizzi, M'Angela Mizzi, Ramon P Said, Christopher Sciortino, Euchar Sultana, Evangelique Sultana, Paul Sultana, Maria Tabone, Jana M Theuma, Maria Theuma, Abigail Vella, Dorian Vella, Alison Xuereb, Christine Zammit.

www.gozocathedral.org.mt

WERREJ

- Is-Sena Elfejn - Sena ta' Tifkiriet 3
- Hamsa u Għoxrin Sena Saċerdot 4
- Lil Dun Joe Bezzina 5
  Charles Bezzina
- Miraklu Lejlet Santa Marija 1999 6
- L-Istorja ta' Bernardo de Opuo 9
  Victor J. Galea
- L-Ewwel Ċensiment taċ-Ċittadella u r-Rabat 17
  Joseph Bezzina
- It-Toroq tal-Belt il-Qadima ta' Għawdex 29
  Victor J. Galea
- Servizzi tal-Gvern fir-Rabat Għawdex bejn l-1870 u l-1879 33
  Winston L. Zammit B.A. (Hons.), M.A.
- Ħamisn Sena mid-Domma ta' l-Assunta 38
- Ix-Xorti tar-Rumanz Isolda ta' Dun Alwiġ Vella 41
  Victor J. Galea
- Tifsira ta' l-Ikona ta' Assunta 45
  Dun Gerard Buhagiar S.Th.D., Dip.Lit., Dip.Arch.
- Il-Qawmien mill-Mewt tal-Madonna 56
  Angelo Xuereb
- Ħalluha Ħa Toħroġ 59
  Rev. George Mercieca
- L-Assunta u l-India 61
  Fr. Ġiġi Camilleri SJ
- Artal Medja Ġdid għal-Katidral 64
  Giovanni B. Gauci
- Relazzjoni tad-Ditta Dino Felici 67
- Kronaka tal-Parroċċa
  - Magħmudijiet 69
  - Żwiġijiet 71
  - Mwiet 71
  - Tfal ta' l-Ewwel Tqarbina 73
  - Tfal tal-Griżma ta' l-Isqof 73

www.gozocathedral.org.mt

Palazzo Margherita

Bar & Restaurant

DUN LUQA STREET, SANNAT, GOZO. TEL: 555737 / 557898 FAX: 562808

Għall-okkażjoni speċjali tiegħek
l'ambjent sabiħ, ikel ġenwin
u servizz mill-aqwa sew jekk
tiġijiet, ikliet jew parties.

Servizz ieħor ta'
Palazzo Margherita huwa:
"SUNDAY FAMILY LUNCH"
fejn tiekol kemm trid minn
Hot Buffett għall-prezz ta'
Lm 4.35 (vat incl)

Palazzo Margherita joffri wkoll

IL BRINDISI

Ideali għal kull okkażjoni
ta' madwar
80 / 90 persuni bħal
Magħmudija, l-Ewwel Tqarbina,
Griżma u Tieġ.

Palazzo Margherita Catering
jaċċettaw ukoll
"OUTSIDE CATERING"
għal kull tip ta' okkażjoni
f'lokalitajiet oħra.

PISANI WOODWORKS has established an outstanding reputation for supplying custom designed furniture of the highest quality. Individually designed to reflect the character of your property. Our furniture combines practical efficiency with an unmistakable look and quality achieved only by the greatest attention to detail from concept to the finished product. The amazing variety of furniture, the selection of finishes, the perfection that comes from a total commitment. We are committed to quality and the relentless pursuit of excellence.

COMMITTED TO CREATE THE FINEST FURNITURE

Call now for an estimate

PWW PISANI WOODWORKS

Residence: 'Madonna tal-Grazzja', Ta' Xaman Street, Sannat
Workshop: 'Robinia', Falcon Street, Sannat
Tel: 554497 Tel:/Fax: 565946 Mob: 0942 9340